

Brussell, 4 ta' April 2019
(OR. en)

7759/19

Fajl Interistituzzjonali:
2018/0178(COD)

CODEC 763
EF 119
ECOFIN 331
ENV 332
SUSTDEV 53
PE 123

NOTA TA' INFORMAZZJONI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar it-twaqqif ta' qafas biex jiġi ffaċilitat l-investiment sostenibbli - Eżitu tal-ewwel qari tal-Parlament Ewropew, (Strasburgu, mill-25 sat-28 ta' Marzu 2019)

I. INTRODUZZJONI

Ir-rapporteurs, Bas EICKHOUT (Ħodor/AHE, NL) u Sirpa PIETIKÄINEN (PPE, FI), ippreżentaw rapport dwar il-proposta għal Regolament f'isem il-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarij u l-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel. Ir-rapport fih 54 emenda (l-emendi 1-54) għall-proposta.

Barra minn hekk, il-grupp politiku S&D ressaq 11-il emenda (l-emendi 85-95), il-grupp politiku PPE ppreżenta żewġ emendi (l-emendi 55-56), il-grupp politiku GUE/NGL ressaq għaxar emendi (l-emendi 96-105), il-grupp politiku Ħodor/AHE ressaq 20 emenda (l-emendi 58-77), il-grupp politiku ENF ressaq emenda waħda (l-emenda 109) u l-grupp politiku EFDD ressaq emenda waħda (l-emenda 56).

II. VOT

Meta vvotat fit-28 ta' Marzu 2019, il-plenarja adottat 61 emenda (l-emendi 2-34, 35 l-ewwel parti, 36, 37, 38 l-ewwel parti, 39, 40, 41, 42 l-ewwel parti, 43, 44, 45 l-ewwel parti, 46-53, 70, 72-75, 80, 89, 105 l-ewwel parti). Il-proposta tal-Kummissjoni hekk emendata tikkostitwixxi l-pożizzjoni tal-Parlament fl-ewwel qari, li tinsab fir-risoluzzjoni leġislattiva tiegħu kif tinsab fl-Anness għal dan id-dokument¹.

¹ Il-verżjoni tal-pożizzjoni tal-Parlament fir-risoluzzjoni leġislattiva ġiet immarkata biex tindika l-bidliet li saru bl-emendi għall-proposta tal-Kummissjoni. Iż-żidiet għat-test tal-Kummissjoni huma enfasizzati b'*tipa grassa u bil-korsiv*. Is-simbolu "■" jindika test imħassar.

It-twaqqif ta' qafas biex jiġi ffaċilitat l-investiment sostenibbli *I**

Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tat-28 ta' Marzu 2019 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-twaqqif ta' qafas biex jiġi ffaċilitat l-investiment sostenibbli (COM(2018)0353 – C8-0207/2018 – 2018/0178(COD))

(Proċedura leġislattiva ordinarja: l-ewwel qari)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament u lill-Kunsill (COM(2018)0353),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 114 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ressqet il-proposta lill-Parlament (C8-0207/2018),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tas-17 ta' Ottubru 2018²,
 - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni tal-5 ta' Diċembru 2018³,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 59 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra d-deliberazzjonijiet konġunti tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji u tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel skont l-Artikolu 55 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji u l-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel (A8-0175/2019),
1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;
 2. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta tagħha, temendaha b'mod sustanzjali jew ikollha l-ħsieb li temendaha b'mod sustanzjali;
 3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

² ĠU C 62, 15.2.2019, p. 103.

³ ĠU C 86, 7.3.2019, p. 24.

Emenda 80

Proposta għal regolament

Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni

(6) F'Marzu 2018, il-Kummissjoni ppubblikat il-Pjan ta' Azzjoni tagħha "Niffinanzjaw it-Tkabbir Sostenibbli" (Financing Sustainable Growth)²⁵ fejn waqqfet strateġija ambizzjuża u komprensiva dwar il-finanzjament sostenibbli. Wieħed mill-għanijiet stabbiliti fil-Pjan ta' Azzjoni huwa li tingħata direzzjoni ġdida lill-flussi tal-kapital lejn investment sostenibbli sabiex jinkiseb tkabbir sostenibbli u inklussiv. It-twaqqif ta' sistema unika ta' klassifikazzjoni **għall-attivitajiet sostenibbli hija** l-azzjoni l-aktar importanti u urġenti prevista mill-Pjan ta' Azzjoni. Il-Pjan ta' Azzjoni jirrikonoxxi li l-bidla tal-flussi tal-kapital lejn attivitajiet iktar sostenibbli trid tkun **appoġġjata** minn fehim kondiviż ta' **xi jfisser "sostenibbli"**. Bħala l-ewwel pass, jenħtieġ li ***l-investituri jiġu infurmati*** dwar l-investimenti li jiffinanzjaw attivitajiet ekonomiċi ***ambjentalment sostenibbli bi gwida ċara*** dwar l-attivitajiet li ***jitqiesu li jikkontribwixxu għall-għanijiet ambjentali. Fi stadju ulterjuri tista' tiġi*** żviluppata gwida oħra dwar l-attivitajiet li jikkontribwixxu għal għanijiet sostenibbli oħra, inkluż għanijiet soċjali.

²⁵ COM(2018) 97 final.

Emenda

(6) F'Marzu 2018, il-Kummissjoni ppubblikat il-Pjan ta' Azzjoni tagħha "Niffinanzjaw it-Tkabbir Sostenibbli" (Financing Sustainable Growth)²⁵ fejn waqqfet strateġija ambizzjuża u komprensiva dwar il-finanzjament sostenibbli. Wieħed mill-għanijiet stabbiliti fil-Pjan ta' Azzjoni huwa li tingħata direzzjoni ġdida lill-flussi tal-kapital lejn investment sostenibbli sabiex jinkiseb tkabbir sostenibbli u inklussiv. It-twaqqif ta' sistema unika ta' klassifikazzjoni ***u ta' indikaturi għall-identifikazzjoni tal-livell ta' sostenibbiltà tal-attivitajiet huma*** l-azzjoni l-aktar importanti u urġenti prevista mill-Pjan ta' Azzjoni. Il-Pjan ta' Azzjoni jirrikonoxxi li l-bidla tal-flussi tal-kapital lejn attivitajiet iktar sostenibbli trid tkun ***appoġġata*** minn fehim kondiviż ***u olistiku tal-impatt ta' attivitajiet ekonomiċi u investimenti fuq is-sostenibbiltà ambjentali u l-effiċjenza fir-riżorsi.*** Bħala l-ewwel pass, ***gwida ċara*** dwar ***attivitajiet li jikkwalifikaw bħala li jikkontribwixxu għall-għanijiet ambjentali*** jenħtieġ li ***jgħinu biex jinfurmaw lill-investituri*** dwar l-investimenti li jiffinanzjaw attivitajiet ekonomiċi ***skont il-livell ta' sostenibbiltà tagħhom. Bir-rikonoxximent tal-Għanijiet tas-Sostenibbiltà tan-NU u l-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-Ewropa tal-20 ta' Ġunju 2017, jenħtieġ ukoll li*** tiġi żviluppata gwida oħra dwar l-attivitajiet li jikkontribwixxu għal għanijiet sostenibbli oħra, inkluż għanijiet soċjali ***u ta' governanza, li b'hekk tiġi implimentata b'mod sħiħ, koerenti, komprensiv, integrat u effettiv l-Aġenda 2030.***

²⁵ COM(2018) 97 final.

Emenda 2

Proposta għal regolament Premessa 6a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(6a) Filwaqt li tirrikonoxxi l-urġenza li tindirizza t-tibdil fil-klima, enfasi limitata fuq l-esponiment għall-karbonju jista' jkollha riperkussjonijiet negattivi billi tidderieġi l-flussi tal-investment lejn miri li jgħorru riskji ambjentali oħrajn. Għalhekk, jeħtieġ li jiġu stabbiliti salvagwardji adegwati biex jiżguraw li l-attivitajiet ekonomiċi ma jagħmlux ħsara lil għanijiet ambjentali oħra, bħall-bijodiversità u l-effiċjenza tal-enerġija. L-investituri jeħtieġu informazzjoni komparabbli u olistika fir-rigward tar-riskji ambjentali u l-impatt tagħhom, sabiex jivvalutaw il-portafolli tagħhom lil hinn mill-esponiment għall-karbonju.

Emenda 3

Proposta għal regolament Premessa 6b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(6b) Minħabba l-urġenza f'diversi oqsma interkonnessi ta' degradazzjoni ambjentali u konsum żejjed ta' riżorsi, hemm bżonn li jittieħed approċċ sistemiku għal tendenzi negattivi li qed jikbru b'mod esponenzjali, bħat-telfien tal-bijodiversità, il-konsum żejjed globali tar-riżorsi, id-dehra ta' theddid ġdid inklużi kimiċi perikolużi u t-taħlitiet tagħhom, l-iskarsezza nutrizzjonali, it-tibdil fil-klima, it-tnaqqis tal-ożonu, l-aċidifikazzjoni tal-oċeani, it-tnaqqis tal-ilma ħelu, u t-tibdil fis-sistema tal-art. Għalhekk, huwa meħtieġ li l-azzjonijiet li għandhom jittieħdu jħarsu 'l

quddiem u huma kbar biżżejjed għall-isfidi li ġejjin. L-iskala ta' dawk l-isfidi tirrikjedi approċċ olistiku u ambizzjuż u l-applikazzjoni ta' prinċipju strett ta' prekawzjoni.

Emenda 4

**Proposta għal regolament
Premessa 7a (ġdida)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(7a) Ir-Rapport Fuq Inizjattiva Proprja tal-Parlament Ewropew dwar il-Finanzi Sostenibbli tad-29 ta' Mejju 2018 jistabbilixxi l-elementi essenzjali tal-indikaturi tas-sostenibbiltà u tat-tassonomija, bħala inċentiv għall-investment sostenibbli. Jenħtieġ li tiġi żgurata konsistenza bejn il-leġiżlazzjoni rilevanti.

Emenda 5

**Proposta għal regolament
Premessa 8a (ġdida)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(8a) L-iskala tal-isfida tinvolvi sistema finanzjarja sħiħa li titmexxa b'mod gradwali biex tappoġġja l-ekonomija biex din tiffunzjona fuq bażi sostenibbli. Għal dak il-għan, jeħtieġ li l-finanzi sostenibbli jiddaħħlu fil-proċess ġenerali, u jeħtieġ li jiġqies l-impatt tas-sostenibbiltà fir-rigward tal-prodotti u s-servizzi finanzjarji.

Emenda 6

Proposta għal regolament Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni

(9) L-offerta ta' prodotti finanzjarji li jfittxu għanijiet ambjentalment sostenibbli hija mod effettiv ta' kif l-investment privat **imur f'attivitajiet** sostenibbli. Ir-rekwiżiti nazzjonali għall-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti finanzjarji u bonds korporattivi bħala investimenti sostenibbli, b'mod partikolari rekwiżiti li jippermetti lill-atturi rilevanti tas-suq li jużaw tikketta nazzjonali, għandhom l-għan li jtejbu l-fiduċja tal-investitur, biex joħolqu l-viżibbiltà u jindirizzaw it-tħassib dwar "greenwashing". Il-greenwashing hija Prattika fejn jinkiseb vantaġġ kompetittiv inġust permezz tal-kummerċjalizzazzjoni ta' prodott finanzjarju bħala favur l-ambjent, meta fil-fatt ma jkunux jissodisfa l-istandards ambjentali minimi. Bħalissa xi ftit Stati Membri għandhom skemi ta' tikkettar. Huma jibnu fuq tassonomiji differenti li jikklassifikaw l-attivitajiet ekonomiċi ambjentalment sostenibbli. Fid-dawl tal-impenji politiċi taħt il-Ftehim ta' Pariġi u fuq livell Ewropew, x'aktarx li aktar u aktar Stati Membri se jintroduċu skemi ta' tikkettar jew rekwiżiti oħra fuq l-atturi tas-suq b'rabta mal-prodotti finanzjarji jew bonds korporattivi ppreżentati bħala ambjentalment sostenibbli. B'hekk, l-Istati Membri jkunu qegħdin jużaw it-tassonomiji nazzjonali tagħhom biex jiddeterminaw liema investimenti jikkwalifikaw bħala sostenibbli. Jekk dawn ir-rekwiżiti nazzjonali huma bbażati fuq kriterji differenti biex jiġi determinat liema attivitajiet ekonomiċi jikkwalifikaw bħala ambjentalment sostenibbli, l-investituri ma jkollhomx interess jinvestu mal-fruntieri, minħabba d-diffikultajiet fi tqabbil tal-opportunitajiet differenti ta' investment. Barra minn hekk, l-operaturi ekonomiċi li

Emenda

(9) L-offerta ta' prodotti finanzjarji li jfittxu għanijiet ambjentalment sostenibbli hija mod effettiv ta' kif **jiġi gradwalment imċaqlaq** l-investment privat **minn attivitajiet b'impatt ambjentali negattiv u lejn attivitajiet aktar** sostenibbli. Ir-rekwiżiti nazzjonali għall-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti finanzjarji, **servizzi** u bonds korporattivi bħala investimenti sostenibbli, **kif definit f'dan ir-Regolament**, b'mod partikolari rekwiżiti li jippermetti lill-atturi rilevanti tas-suq li jużaw tikketta nazzjonali, għandhom l-għan li jtejbu l-fiduċja tal-investitur **u s-sensibilizzazzjoni tar-riskji**, biex joħolqu l-viżibbiltà u jindirizzaw it-tħassib dwar "greenwashing". Il-greenwashing hija Prattika fejn jinkiseb vantaġġ kompetittiv inġust permezz tal-kummerċjalizzazzjoni ta' prodott finanzjarju bħala favur l-ambjent, meta fil-fatt ma jkunux jissodisfa l-istandards ambjentali minimi. Bħalissa xi ftit Stati Membri għandhom skemi ta' tikkettar. Huma jibnu fuq tassonomiji differenti li jikklassifikaw l-attivitajiet ekonomiċi ambjentalment sostenibbli. Fid-dawl tal-impenji politiċi taħt il-Ftehim ta' Pariġi u fuq livell Ewropew, x'aktarx li aktar u aktar Stati Membri se jintroduċu skemi ta' tikkettar jew rekwiżiti oħra fuq l-atturi tas-suq b'rabta mal-prodotti finanzjarji jew bonds korporattivi ppreżentati bħala ambjentalment sostenibbli. B'hekk, l-Istati Membri jkunu qegħdin jużaw it-tassonomiji nazzjonali tagħhom biex jiddeterminaw liema investimenti jikkwalifikaw bħala sostenibbli. Jekk dawn ir-rekwiżiti nazzjonali huma bbażati fuq kriterji **u indikaturi** differenti biex jiġi determinat liema attivitajiet ekonomiċi jikkwalifikaw bħala ambjentalment

jixtiequ jattiraw l-investment minn madwar l-Unjoni jkollhom jissodisfaw kriterji differenti f'diversi Stati Membri sabiex l-attivitajiet tagħhom jikkwalifikaw bħala ambjentalment sostenibbli għall-finijiet tat-tikketti differenti. In-nuqqas ta' kriterji komuni b'hekk **iżidu** l-ispejjeż u **joħolqu** diżinċentiv sinifikanti għall-operaturi ekonomiċi, li jirriżulta f'impediment għall-aċċess transfruntier tas-swieq kapitali għall-investimenti sostenibbli. L-ostakli għall-aċċess għas-swieq kapitali transfruntiera sabiex jinġabru fondi għall-proġetti sostenibbli huma mistennija li jkompli jikbru. Il-kriterji biex jiġi determinat **jekk** attività ekonomika **hix ambjentalment sostenibbli għalhekk** jenħtieġ li jiġu armonizzati fuq livell Ewropew, sabiex jitneħħew l-ostakli għall-funzjonament tas-suq intern u jiġi evitat li jerġgħu jitfaċċaw 'il quddiem. B'din l-armonizzazzjoni l-operaturi ekonomiċi jsibuha aktar faċli biex jiġbru fondi għall-attivitajiet **ambjentali** tagħhom meta jaqsmu l-fruntieri, għaliex l-attivitajiet ekonomiċi tagħhom jistgħu jitqabblu ma' kriterji uniformi sabiex jintgħażlu bħala assi sottostanti għall-investimenti ambjentalment sostenibbli. B'hekk isir aktar faċli biex jiġi attirat l-investment bejn il-fruntieri fl-Unjoni.

sostenibbli, l-investituri ma jkollhomx interess jinvestu mal-fruntieri, minħabba d-diffikultajiet fi tqabbil tal-opportunitajiet differenti ta' investment. Barra minn hekk, l-operaturi ekonomiċi li jixtiequ jattiraw l-investment minn madwar l-Unjoni jkollhom jissodisfaw kriterji differenti f'diversi Stati Membri sabiex l-attivitajiet tagħhom jikkwalifikaw bħala ambjentalment sostenibbli għall-finijiet tat-tikketti differenti. In-nuqqas ta' kriterji **u indikaturi** komuni **se jidderieġi l-investimenti b'mod ambjentalment ineffettiv, u f'xi każijiet kontroproduttiv, u jwassal għal miri ambjentali u ta' sostenibbiltà mhux issodisfati. Dak in-nuqqas** b'hekk **iżid** l-ispejjeż u **joħloq** diżinċentiv sinifikanti għall-operaturi ekonomiċi, li jirriżulta f'impediment għall-aċċess transfruntier tas-swieq kapitali għall-investimenti sostenibbli. L-ostakli għall-aċċess għas-swieq kapitali transfruntiera sabiex jinġabru fondi għall-proġetti sostenibbli huma mistennija li jkompli jikbru. Il-kriterji **u l-indikaturi** biex jiġi determinat **il-grad ta' sostenibbiltà ta'** attività ekonomika jenħtieġ li jiġu armonizzati **gradwalment** fuq livell Ewropew, sabiex jitneħħew l-ostakli għall-funzjonament tas-suq intern u jiġi evitat li jerġgħu jitfaċċaw 'il quddiem. B'din l-armonizzazzjoni **tal-informazzjoni, tal-metriċi u tal-kriterji**, l-operaturi ekonomiċi jsibuha aktar faċli biex jiġbru fondi għall-attivitajiet **ambjentalment sostenibbli** tagħhom meta jaqsmu l-fruntieri, għaliex l-attivitajiet ekonomiċi tagħhom jistgħu jitqabblu ma' kriterji **u indikaturi** uniformi sabiex jintgħażlu bħala assi sottostanti għall-investimenti ambjentalment sostenibbli. B'hekk isir aktar faċli biex jiġi attirat l-investment bejn il-fruntieri fl-Unjoni.

Emenda 7

Proposta għal regolament

Premessa 9a (ġdida)

(9a) Sabiex l-Unjoni tilħaq l-impenji ambjentali u klimatiċi tagħha, jeħtieġ li jiġu mobilizzati l-investimenti privati. Biex jintlaħaq, dan jirrikjedi ppjanar fit-tul kif ukoll stabbiltà u prevedibbiltà regolatorja għall-investituri. Għalhekk, sabiex jiġi żgurat qafas ta' politika koerenti għall-investimenti sostenibbli, huwa importanti li d-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament jibnu fuq il-leġiżlazzjoni eżistenti tal-Unjoni.

Emenda 8

Proposta għal regolament

Premessa 10

Test propost mill-Kummissjoni

(10) Barra minn hekk, jekk il-parteciċipanti tas-suq ma **jagħtux spjegazzjoni lill-investituri ta'** kif l-attivitajiet li jinvestu fihom jikkontribwixxu lejn għanijiet ambjentali, jew jekk jużawx **kunċetti differenti** fl-isjegazzjoni tagħhom ta' **x'inh**i attività ekonomika **"sostenibbli"**, l-investituri jsibu piż sproporzjonat biex jivverifikaw u jqabblu **dawn il-prodotti** finanzjarji differenti. Instab li dan l-aspett ma jhajarx lill-investituri biex jinvestu fi prodotti finanzjarji **ekoloġiċi**. Barra minn hekk, in-nuqqas ta' fiduċja fl-investituri għandu effetti negattivi importanti fuq is-suq għall-investment sostenibbli. Intwera wkoll li regoli nazzjonali jew inizjattivi bbażati fuq is-suq li jkunu ttieħdu biex tiġi indirizzata din is-sitwazzjoni ġewwa l-fruntieri nazzjonali jwasslu għal frammentazzjoni tas-suq intern. Jekk il-parteciċipanti tas-suq finanzjarju jiżvelaw kif il-prodotti finanzjarji li qegħdin isostnu huma favur l-ambjent jissodisfaw l-għanijiet ambjentali, u għal dan l-iżvelar jużaw kriterji komuni mal-Unjoni dwar

Emenda

(10) Barra minn hekk, jekk il-parteciċipanti tas-suq ma **jiżvelawx** kif l-attivitajiet li jinvestu fihom jikkontribwixxu **b'mod negattiv jew pożittiv** lejn għanijiet ambjentali, jew jekk jużawx **metriċi u kriterji għad-determinazzjoni tal-impatt** fl-isjegazzjoni tagħhom **tal-grad tas-sostenibbiltà ambjentali** ta' attività ekonomika, l-investituri jsibu piż sproporzjonat biex jivverifikaw u jqabblu **l-prodotti** finanzjarji differenti. Instab li dan l-aspett ma jhajarx lill-investituri biex jinvestu fi prodotti finanzjarji **sostenibbli**. Barra minn hekk, in-nuqqas ta' fiduċja fl-investituri għandu effetti negattivi importanti fuq is-suq għall-investment sostenibbli. Intwera wkoll li regoli nazzjonali jew inizjattivi bbażati fuq is-suq li jkunu ttieħdu biex tiġi indirizzata din is-sitwazzjoni ġewwa l-fruntieri nazzjonali jwasslu għal frammentazzjoni tas-suq intern. Jekk il-parteciċipanti tas-suq finanzjarju jiżvelaw kif il-prodotti finanzjarji li qegħdin isostnu huma favur l-ambjent jissodisfaw l-għanijiet ambjentali,

fiex tikkonsisti attività ekonomika ambjentalment sostenibbli, din tgħin lill-investituri jqabblu ***l-opportunitajiet*** ta' investiment ***favur l-ambjent*** mal-fruntieri. L-investituri jinvestu fi prodotti finanzjarji ekoloġiċi b'aktar fiduċija madwar l-Unjoni, li jtejjeb il-funzjonament tas-suq intern.

u għal dan l-iżvelar jużaw kriterji komuni mal-Unjoni dwar fiex tikkonsisti attività ekonomika ambjentalment sostenibbli, din tgħin lill-investituri jqabblu ***l-impatt ambjentali tal-opportunitajiet*** ta' investiment mal-fruntieri u ***se tinċentivizza d-destinatarji ta' investiment biex jagħmlu l-mudelli ta' negozju tagħhom aktar sostenibbli***. L-investituri jinvestu fi prodotti finanzjarji ekoloġiċi b'aktar fiduċija madwar l-Unjoni, li jtejjeb il-funzjonament tas-suq intern.

Emenda 9

Proposta għal regolament Premessa 10a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(10a) Sabiex jitwassal impatt fuq is-sostenibbiltà usa' u ambjentalment sinifikanti, biex jitnaqqas il-piż amministrattiv mhux meħtieġ fuq il-partiċipanti fis-swieq finanzjarji u l-partijiet ikkonċernati u biex jiġi ffaċilitat it-tkabbir tas-swieq finanzjarji Ewropej li jiffinanzjaw attivitajiet ekonomiċi sostenibbli, it-tassonomija jenħtieġ li tkun ibbażata fuq indikaturi u kriterji armonizzati, komparabbli u uniformi, inklużi tal-inqas l-indikaturi ta' ekonomija ċirkolari. Dawk l-indikaturi jenħtieġ li jkunu konsistenti mal-metodoloġija unifikata tal-valutazzjoni taċ-ċiklu tal-ħajja u li jiġu applikati fl-inizjattivi regolatorji tal-Unjoni. Jenħtieġ li jkunu l-bażi għall-valutazzjoni tal-attivitajiet ekonomiċi u l-investimenti fir-riskju u l-impatt fuq l-ambjent. Kwalunkwe sovrappożizzjoni fir-regolament li ma tkunx konformi mal-prinċipji ta' regolamentazzjoni aħjar u ma tkunx applikata b'mod proporzjonat trid tiġi evitata bl-għan li tinholq terminoloġija konsistenti u qafas regolatorju ċar. Kwalunkwe piż mhux

meħtieġ kemm tal-awtoritajiet, kif ukoll tal-istituzzjonijiet finanzjarji jenħtieġ li jiġi evitat ukoll. Fl-istess perspettiva, il-kamp ta' applikazzjoni u l-użu ta' kriterji ta' skrinjar tekniċi kif ukoll ir-rabta ma' inizjattivi oħrajn jenħtieġ li jiġu definiti b'mod ċar qabel ma t-tassonomija u l-kriterji li jappartjenu għaliha jidħlu fis-seħħ. L-istabbiliment ta' kriterji armonizzati għal attivitajiet ekonomiċi ambjentalment sostenibbli jenħtieġ li jqis il-kompetenza tal-Istati Membri f'oqsma differenti tal-politika. Jenħtieġ li r-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament japplikaw b'mod proporzjonat għal istituzzjonijiet iżgħar u mhux kumplessi kif definiti skont dan ir-Regolament.

Emenda 10

Proposta għal regolament Premessa 10b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(10b) L-indikaturi jenħtieġ li jkunu armonizzati abbażi tal-impenji eżistenti, bħalma hija l-ħidma tal-Kummissjoni, l-Aġenzija Ambjentali Ewropea u l-OECD, fost oħrajn, u jenħtieġ li jidentifikaw l-impatt ambjentali f'termini tas-CO2 u emissjonijiet oħra, il-bijodiversità, il-produzzjoni tal-iskart, l-użu tal-enerġija u l-enerġija rinnovabbli, il-materji primi, l-ilma, u l-użu tal-art dirett u indirett, kif stabbilit fil-qafas tal-monitoraġġ tal-Kummissjoni dwar l-ekonomija ċirkolari (COM/2018/29 final), il-pjan ta' azzjoni tal-UE għall-Ekonomija Ċirkolari (COM/2015/0614 final) u fir-risoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tad-9 ta' Lulju 2015 dwar l-effiċjenza tar-riżorsi: lejn ekonomija ċirkolari (2014/2208(INI)). Barra minn hekk, l-indikaturi jenħtieġ li jiġfassu wkoll filwaqt li jiġqiesu r-rakkomandazzjonijiet tal-Grupp ta' Esperti dwar l-Appoġġ

*għall-Finanzjament tal-Ekonomija
Ċirkolari tal-Kummissjoni Ewropea.
Jenħtieġ li l-Kummissjoni tevalwa kif
tintegra x-xogħol ta' dan il-grupp ta'
esperti mat-TEG. Jenħtieġ li l-indikaturi
jqisu l-istandards sostenibbli rikonoxxuti
fuq livell internazzjonali.*

Emenda 11

Proposta għal regolament

Premessa 11

Test propost mill-Kummissjoni

(11) Biex jindirizzaw l-ostakoli eżistenti fil-funzjonament tas-suq intern u biex jevitaw it-tfaċċar ta' dawn l-ostakoli fil-futur, l-Istati Membri jenħtieġ li jintalbu jużaw kunċett komuni ta' investiment **ambjentalment sostenibbli** meta jstabbilixxu rekwiżiti għal atturi tas-suq għall-finijiet ta' tikkettar ta' prodotti finanzjarji jew bonds korporattivi ppreżentati bħala ambjentalment sostenibbli fuq livell nazzjonali. Għall-istess raġunijiet, jenħtieġ li l-manigġers tal-fondi u l-investituri istituzzjonali li jgħidu li qegħdin isegwu għanijiet ambjentali jużaw l-istess kunċett ta' investiment ambjentalment sostenibbli meta' jiżvelaw kif se jilhqqu dawk l-għanijiet.

Emenda

(11) Biex jindirizzaw l-ostakoli eżistenti fil-funzjonament tas-suq intern u biex jevitaw it-tfaċċar ta' dawn l-ostakoli fil-futur, l-Istati Membri **u l-Unjoni** jenħtieġ li jintalbu jużaw kunċett komuni **rigward il-grad ta' sostenibbiltà ambjentali** ta' investiment meta jstabbilixxu rekwiżiti għal atturi tas-suq għall-finijiet ta' tikkettar ta' prodotti finanzjarji jew bonds korporattivi ppreżentati bħala ambjentalment sostenibbli fuq livell nazzjonali. Għall-istess raġunijiet, jenħtieġ li l-manigġers tal-fondi u l-investituri istituzzjonali li jgħidu li qegħdin isegwu għanijiet ambjentali jużaw l-istess kunċett ta' investiment ambjentalment sostenibbli **u l-istess indikaturi, metriċi u kriterji biex jikkalkulaw l-impatt ambjentali** meta' jiżvelaw kif se jilhqqu dawk l-għanijiet.

Emenda 12

Proposta għal regolament

Premessa 12

Test propost mill-Kummissjoni

(12) **It-twaqqif ta' kriterji għal attivitajiet**

Emenda

(12) **L-informazzjoni dwar l-impatt**

ekonomiċi ambjentalment sostenibbli jistgħu jħeġġu lill-kumpaniji biex jiżvelaw fuq is-siti webtagħhom, fuq bażi volontarja, informazzjoni dwar l-attivitajiet ekonomiċi ambjentalment sostenibbli li jwettqu. Din l-informazzjoni tgħin mhux biss lill-atturi rilevanti fis-swieq finanzjarji biex jidentifikaw malajr liema kumpaniji jwettqu attivitajiet ekonomiċi ambjentalment sostenibbli, iżda se tiffaċilitahom ukoll il-ġbir ta' fondi għall-attivitajiet ambjentali tagħhom.

ambjentali tal-attivitajiet se tgħin lill-atturi rilevanti fis-swieq finanzjarji biex jidentifikaw u jiddeterminaw faċilment il-grad ta' sostenibbiltà ambjentali tal-attivitajiet ekonomiċi mwettqa mill-kumpaniji, iżda se tiffaċilitahom ukoll il-ġbir ta' fondi.

Emenda 13

Proposta għal regolament Premessa 13

Test propost mill-Kummissjoni

(13) Jenħtieġ li **klassifikazzjoni tal-Unjoni ta' attivitajiet ekonomiċi ambjentalment sostenibbli tippermetti** l-iżvilupp ta' politiki futuri tal-Unjoni, inklużi standards mal-Unjoni kollha għal prodotti finanzjarji ambjentalment sostenibbli u eventwalment it-twaqqif ta' tikketti li formalment jirrikonoxxu l-konformità ma' dawk l-istandards madwar l-Unjoni. Rekwiżiti legali uniformi sabiex l-investimenti **jitqiesu bħala investimenti ambjentalment sostenibbli**, ibbażati fuq kriterji uniformi **għal attivitajiet ekonomiċi ambjentalment sostenibbli**, huma meħtieġa bħala referenza għal leġiżlazzjoni futura tal-Unjoni li għandha l-għan li tippermetti dawk l-investimenti.

Emenda

(13) Jenħtieġ li **indikaturi madwar l-Unjoni rilevanti għad-determinazzjoni tal-impatt ambjentali tal-attivitajiet ekonomiċi jippermettu** l-iżvilupp ta' politiki **u strateġiji** futuri tal-Unjoni, inklużi standards mal-Unjoni kollha għal prodotti finanzjarji ambjentalment sostenibbli u eventwalment it-twaqqif ta' tikketti li formalment jirrikonoxxu l-konformità ma' dawk l-istandards madwar l-Unjoni, **kif ukoll li jkunu l-bażi għal miżuri oħra ekonomiċi, regolatorji u prudenzjali**. Rekwiżiti legali uniformi sabiex **jitqies il-grad ta' sostenibbiltà ambjentali tal-investimenti**, ibbażati fuq kriterji uniformi **għad-determinazzjoni tas-sostenibbiltà ambjentali tal-attivitajiet ekonomiċi u indikaturi komuni għal valutazzjoni tal-impatti ambjentali fuq l-investimenti**, huma meħtieġa bħala referenza għal leġiżlazzjoni futura tal-Unjoni li għandha l-għan li **tiffaċilita l-bidla minn investimenti b'impatt ambjentali negattiv għal investimenti b'impatt pożittiv**.

Emenda 14

Proposta għal regolament

Premessa 14

Test propost mill-Kummissjoni

(14) Fil-kuntest tal-kisba tal-SDGs fl-Unjoni, ***l-għażla*** tal-politiki ***bħal l-ħolqien*** ta' Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi, ***intwerew li huma*** effettivi għaliex jagħtu sehemhom fit-twassil ta' investment privat flimkien man-nefqa pubblika lejn investimenti sostenibbli. Ir-Regolament (UE) Nru 2015/1017 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill jispeċifika mira għall-investment fl-ambjent ta' 40 % għal proġetti ta' infrastruttura u ta' innovazzjoni taħt il-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi. Il-kriterji komuni għas-sostenibbiltà tal-attivitajiet ekonomiċi jistgħu jservu ta' pedament għal inizjattivi futuri simili tal-Unjoni li ***jappoġġjaw*** l-investment li għandu għanjiet marbuta mal-klima jew għanjiet ambjentali oħra.

²⁷ Ir-Regolament (UE) 2017/2396 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2017 li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1316/2013 u (UE) 2015/1017 fir-rigward tal-estensjoni tad-durata tal-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi kif ukoll l-introduzzjoni ta' titjib tekniku għal dak il-Fond u għaċ-Ċentru Ewropew ta' Konsulenza għall-Investimenti (ĠU L 345 , 27.12.2017 p. 34).

Emenda

(14) Fil-kuntest tal-kisba tal-SDGs fl-Unjoni, ***l-għażliet*** tal-politiki ***bħall-ħolqien*** ta' Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi, ***jistgħu jkunu*** effettivi għaliex jagħtu sehemhom ***fil-mobilizzazzjoni u*** fit-twassil ta' investment privat flimkien man-nefqa pubblika lejn investimenti sostenibbli. Ir-Regolament (UE) Nru 2015/1017 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill²⁷ jispeċifika mira għall-investment ***orizzontali*** fl-ambjent ta' 40 % għal proġetti ta' infrastruttura u ta' innovazzjoni taħt il-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi. Il-kriterji komuni għas-sostenibbiltà tal-attivitajiet ekonomiċi ***u indikaturi komuni għal valutazzjoni tal-impatt ambjentali*** jistgħu jservu ta' pedament għal inizjattivi futuri simili tal-Unjoni li ***jimmobilizzaw*** l-investment li għandu għanjiet marbuta mal-klima jew għanjiet ambjentali oħra.

²⁷ Ir-Regolament (UE) 2017/2396 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2017 li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1316/2013 u (UE) 2015/1017 fir-rigward tal-estensjoni tad-durata tal-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi kif ukoll l-introduzzjoni ta' titjib tekniku għal dak il-Fond u għaċ-Ċentru Ewropew ta' Konsulenza għall-Investimenti (ĠU L 345 , 27.12.2017 p. 34).

Emenda 15

Proposta għal regolament

Premessa 15

Test propost mill-Kummissjoni

(15) Sabiex tiġi evitata l-frammentazzjoni tas-suq kif ukoll ħsara lill-interessi tal-konsumaturi minħabba ideat differenti **dwar l-attivitajiet** ekonomiċi **ambjentalment sostenibbli**, jenħtieġ li r-rekwiżiti nazzjonali li jenħtieġ li l-atturi tas-suq jissodisfaw meta jixtiequ jbigħu prodotti finanzjarji jew bonds korporattivi bħala ambjentalment sostenibbli jibnu fuq il-kriterji uniformi għall-attivitajiet ekonomiċi ambjentalment sostenibbli. Dawk l-atturi tas-suq jinkludu l-parteċipanti tas-suq finanzjarju li joffru prodotti finanzjarji "**ekoloġiċi**" u kumpaniji mhux finanzjarji li joħorġu bonds korporattivi "**ħodor**".

Emenda

(15) Sabiex tiġi evitata l-frammentazzjoni tas-suq kif ukoll ħsara lill-interessi tal-konsumaturi minħabba ideat differenti **rigward il-grad tas-sostenibbiltà ambjentali tal-attivitajiet** ekonomiċi, jenħtieġ li r-rekwiżiti nazzjonali li jenħtieġ li l-atturi tas-suq jissodisfaw meta jixtiequ jbigħu prodotti finanzjarji jew bonds korporattivi **kif definit f'dan ir-Regolament** bħala ambjentalment sostenibbli jibnu fuq il-kriterji uniformi għall-attivitajiet ekonomiċi ambjentalment sostenibbli. Dawk l-atturi tas-suq jinkludu l-parteċipanti tas-suq finanzjarju li joffru prodotti **jew servizzi** finanzjarji **sostenibbli** u kumpaniji mhux finanzjarji li joħorġu bonds korporattivi **sostenibbli**.

Emenda 16

Proposta għal regolament

Premessa 17

Test propost mill-Kummissjoni

(17) Sabiex l-obbligu ta' żvelar ma jiġix evitat, jenħtieġ li dak l-obbligu japplika wkoll meta **l-prodotti** finanzjarji jiġu ppreżentati bħallikieku għandhom karatteristiċi simili bħal investimenti ambjentalment sostenibbli, inkluż dawk li l-mira tagħhom hija l-protezzjoni tal-ambjent b'mod wiesa'. Jenħtieġ li l-parteċipanti tas-suq finanzjarju ma jkollhomx għalfejn jiġu mitluba jinvestu biss f'attivitajiet ekonomiċi ambjentalment sostenibbli skont il-kriterji ta' skrinjar tekniċi previsti f'dan ir-Regolament. Jenħtieġ li jiġu mħeġġa jinfurmaw lill-Kummissjoni jekk jikkunsidraw li **attività ekonomika li ma tissodisfax il-kriterji ta'**

Emenda

(17) Sabiex l-obbligu ta' żvelar ma jiġix evitat, jenħtieġ li dak l-obbligu japplika wkoll **għall-prodotti** finanzjarji **kollha li** jiġu ppreżentati bħallikieku għandhom karatteristiċi simili bħal investimenti ambjentalment sostenibbli, inkluż dawk li l-mira tagħhom hija l-protezzjoni tal-ambjent b'mod wiesa'. Jenħtieġ li l-parteċipanti tas-suq finanzjarju ma jkollhomx għalfejn jiġu mitluba jinvestu biss f'attivitajiet ekonomiċi ambjentalment sostenibbli skont il-kriterji ta' skrinjar tekniċi previsti f'dan ir-Regolament. Jenħtieġ li **l-parteċipanti tas-swieq finanzjarji u atturi oħra** jiġu mħeġġa jinfurmaw lill-Kummissjoni jekk

skrinjar tekniċi, **jew attività li għaliha għad mhemmx kriterji**, jenħtieġ li **titqies** ambjentalment sostenibbli, biex jgħinu lill-Kummissjoni tevalwa jekk ikunx xieraq tikkumplimentata jew taġġorna l-kriterji ta' skrinjar tekniċi.

jikkunsidraw li **l-kriterji** ta' skrinjar tekniċi **rilevanti għall-attivitajiet li huma jiffinanzjaw għadhom ma għewx stabbiliti u li għalhekk il-prodotti finanzjarji taġġhom** jenħtieġ li **jitqiesu** ambjentalment sostenibbli, biex jgħinu lill-Kummissjoni tevalwa jekk ikunx xieraq tikkumplimentata jew taġġorna l-kriterji ta' skrinjar tekniċi.

Emenda 17

Proposta għal regolament Premessa 18

Test propost mill-Kummissjoni

(18) Sabiex jiġi determinat **jekk** attività ekonomika **hix ambjentalment sostenibbli**, jenħtieġ li titwaqqaf lista eżawrjenti ta' għanijiet ambjentali.

Emenda

(18) Sabiex jiġi determinat **il-grad ta' sostenibbiltà ambjentali ta'** attività ekonomika, jenħtieġ li titwaqqaf lista eżawrjenti ta' għanijiet ambjentali **bbażata fuq indikaturi li jkejlu l-impatt ambjentali, b'kunsiderazzjoni tal-impatt taġġha fuq il-katina kollha tal-valur industrijali u li tiżgura koerenza mal-leġiżlazzjoni eżistenti tal-Unjoni bħall-pakkett dwar l-Enerġija Nadifa.**

Emenda 18

Proposta għal regolament Premessa 20

Test propost mill-Kummissjoni

(20) Għal kull għan ambjentali, jenħtieġ li jiġu stabbili kriterji uniformi biex attivitajiet ekonomiċi jitqiesu li qegħdin jagħtu kontribut sostanzjali għal dak il-għan. Jenħtieġ li element wieħed tal-kriterji uniformi jkun li tiġi evitata ħsara sinifikanti lil xi wieħed mill-għanijiet ambjentali previsti f'dan ir-Regolament. Dan sabiex jiġi evitat li ċerti investimenti

Emenda

(20) Għal kull għan ambjentali, jenħtieġ li jiġu stabbili kriterji uniformi **bbażati fuq informazzjoni pprovduta permezz ta' indikaturi armonizzati** biex attivitajiet ekonomiċi jitqiesu li qegħdin jagħtu kontribut sostanzjali għal dak il-għan. Jenħtieġ li element wieħed tal-kriterji uniformi jkun li tiġi evitata ħsara sinifikanti lil xi wieħed mill-għanijiet

jitqiesu ambjentalment sostenibbli minkejja li l-attivitajiet ekonomiċi li jgawdu minn dawk l-investimenti jikkawżaw ħsara lill-ambjent li taqbeż il-kontribut tagħhom għal għan ambjentali. Jenħtieġ li l-kundizzjonijiet għal kontribut sostanzjali u biex ma tiġix ikkawżata ħsara sinifikanti jippermettu lill-investimenti f'attivitajiet ekonomiċi ambjentalment sostenibbli biex jagħtu kontribut reali lill-għanijiet ambjentali.

ambjentali previsti f'dan ir-Regolament. Dan sabiex jiġi evitat li ċerti investimenti jitqiesu ambjentalment sostenibbli minkejja li l-attivitajiet ekonomiċi li jgawdu minn dawk l-investimenti jikkawżaw ħsara lill-ambjent li taqbeż il-kontribut tagħhom għal għan ambjentali. Jenħtieġ li l-kundizzjonijiet għal kontribut sostanzjali u biex ma tiġix ikkawżata ħsara sinifikanti jippermettu lill-investimenti f'attivitajiet ekonomiċi ambjentalment sostenibbli biex jagħtu kontribut reali lill-għanijiet ambjentali.

Emenda 19

Proposta għal regolament Premessa 22

Test propost mill-Kummissjoni

(22) Kont tenut tad-dettalji tekniċi speċifiċi meħtieġa biex jiġi evalwat l-impatt ambjentali ta' attività ekonomika u n-natura tinbidel malajr ta' kemm ix-xjenza u t-teknoloġija, jenħtieġ li l-kriterji tal-attivitajiet ekonomiċi **ambjentalment sostenibbli** jiġu adattati regolarment għal dak it-tibdil. Biex il-kriterji jkunu aġġornati, ibbażati fuq evidenza xjentifika u l-informazzjoni minn esperti kif ukoll minn partijiet ikkonċernati rilevanti, jenħtieġ li l-kundizzjonijiet għal kontribut sostanzjali u ħsara sinifikanti jiġu speċifikati b'aktar granularità għal attivitajiet ekonomiċi differenti u jenħtieġ li jkunu aġġornati regolarment. Għal dan il-għan, jenħtieġ li l-Kummissjoni tistabbilixxi kriterji ta' skrinjar tekniċi granulari u kalibrati, għall-attivitajiet ekonomiċi differenti, abbażi tal-input tekniku ta' Pjattaforma dwar il-Finanzi Sostenibbli b'diversi partijiet ikkonċernati.

Emenda

(22) Kont tenut tad-dettalji tekniċi speċifiċi meħtieġa biex jiġi evalwat l-impatt ambjentali ta' attività ekonomika u n-natura tinbidel malajr ta' kemm ix-xjenza u t-teknoloġija, jenħtieġ li l-kriterji **rilevanti għad-determinazzjoni tal-livell tas-sostenibbiltà ambjentali** tal-attivitajiet ekonomiċi jiġu adattati regolarment għal dak it-tibdil. Biex il-kriterji **u l-indikaturi** jkunu aġġornati, ibbażati fuq evidenza xjentifika u l-informazzjoni minn esperti kif ukoll minn partijiet ikkonċernati rilevanti, jenħtieġ li l-kundizzjonijiet għal kontribut sostanzjali u ħsara sinifikanti jiġu speċifikati b'aktar granularità għal attivitajiet ekonomiċi differenti u jenħtieġ li jkunu aġġornati regolarment. Għal dan il-għan, jenħtieġ li l-Kummissjoni tistabbilixxi kriterji ta' skrinjar tekniċi granulari u kalibrati **u sett ta' indikaturi armonizzati**, għall-attivitajiet ekonomiċi differenti, abbażi tal-input tekniku ta' Pjattaforma dwar il-Finanzi Sostenibbli b'diversi partijiet ikkonċernati.

Emenda 20

Proposta għal regolament Premessa 23

Test propost mill-Kummissjoni

(23) Ċerti attivitajiet ekonomiċi għandhom impatt negattiv fuq l-ambjent, u kontribut sostanzjali lil wieħed jew aktar għanijiet ambjentali jista' jinkiseb jekk jitnaqqas dak l-impatt negattiv. Għal dawk l-attivitajiet ekonomiċi, huwa xieraq li jiġu stabbiliti kriterji ta' skrinjar tekniċi li jeħtieġu titjib sostanzjali fil-prestazzjoni ambjentali meta mqabbla ma', fost affarijiet oħra, il-medja tal-industrija. Jenħtieġ li dawk il-kriterji jikkunsidraw ukoll l-impatt fit-tul ta' attività ekonomika speċifika.

Emenda

(23) Ċerti attivitajiet ekonomiċi għandhom impatt negattiv fuq l-ambjent, u kontribut sostanzjali lil wieħed jew aktar għanijiet ambjentali jista' jinkiseb jekk jitnaqqas dak l-impatt negattiv. Għal dawk l-attivitajiet ekonomiċi, huwa xieraq li jiġu stabbiliti kriterji ta' skrinjar tekniċi li jeħtieġu titjib sostanzjali fil-prestazzjoni ambjentali meta mqabbla ma', fost affarijiet oħra, il-medja tal-industrija **sabiex jiġi kkunsidrat jekk l-attività tistax tagħti kontribut sostanzjali lil għan ambjentali wieħed jew aktar**. Jenħtieġ li dawk il-kriterji jikkunsidraw ukoll l-impatt fit-tul **(jiġifieri aktar minn 3 snin)** ta' attività ekonomika speċifika **b'mod partikolari l-benefiċċji ambjentali tal-prodotti u tas-servizzi u l-kontribut tal-prodotti intermedjarji, u b'hekk jipprovdu valutazzjoni tal-impatt tal-fażijiet kollha tal-manifattura u l-użu permezz tal-katina tal-valur u ċ-ċiklu tal-ħajja**.

Emenda 21

Proposta għal regolament Premessa 24

Test propost mill-Kummissjoni

(24) Jenħtieġ li attività ekonomija ma titqies ambjentalment sostenibbli jekk **tikkawża aktar ħsara** lill-ambjent **mill-benefiċċji li tagħti**. Jenħtieġ li l-kriterji ta' skrinjar tekniċi jidentifikaw ir-rekwiżiti minimi meħtieġa sabiex tiġi evitata ħsara sinifikanti lil għanijiet oħra. Meta tistabbilixxi u taġġorna l-kriterji ta' skrinjar tekniċi, jenħtieġ li l-Kummissjoni tiżgura li dawk il-kriterji jkunu bbażati fuq l-

Emenda

(24) Jenħtieġ li attività ekonomija ma titqies ambjentalment sostenibbli jekk **ma toħloqx benefiċċju nett** lill-ambjent. Jenħtieġ li l-kriterji ta' skrinjar tekniċi jidentifikaw ir-rekwiżiti minimi meħtieġa sabiex tiġi evitata ħsara sinifikanti lil għanijiet oħra. Meta tistabbilixxi u taġġorna l-kriterji ta' skrinjar tekniċi, jenħtieġ li l-Kummissjoni tiżgura li dawk il-kriterji jkunu **raġonevoli, proporzjonati**

evidenza xjentifika disponibbli u jiġu aġġornati regolament. Meta l-evalwazzjoni xjentifika ma tippermettix l-identifikazzjoni tar-riskju b'ċertezza adegwata, jenħtieġ li japplika l-prinċipju ta' prekawzjoni, skont l-Artikolu 191 **TFUE**.

u bbażati fuq l-evidenza xjentifika disponibbli u **tikkunsidra l-katina tal-valur kollha u ċ-ċiklu tal-ħajja tat-teknoloġiji. Hi jenħtieġ li tiżgura wkoll li** jiġu aġġornati regolament. Meta l-evalwazzjoni xjentifika ma tippermettix l-identifikazzjoni tar-riskju b'ċertezza adegwata, jenħtieġ li japplika l-prinċipju ta' prekawzjoni, skont l-Artikolu 191 **tat-TFUE**.

Emenda 22

Proposta għal regolament Premessa 25

Test propost mill-Kummissjoni

(25) Meta tistabbilixxi u taġġorna l-kriterji ta' skrinjar tekniċi, jenħtieġ li l-Kummissjoni tikkunsidra l-liġi tal-Unjoni rilevanti, kif ukoll l-istrumenti mhux leġiżlattivi tal-Unjoni diġà fis-seħħ, inkluż ir-Regolament (UE) 66/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³⁷, l-Iskema ta' Ġestjoni u Verifika Ambjentali tal-UE,³⁸ il-Kriterji dwar l-Akkwist Pubbliku Ekoloġiku tal-UE³⁹ u **x-xogħol** li għadu għaddej fuq ir-regoli dwar l-Impronta Ambjentali tal-Prodotti u dwar l-Impronta Ambjentali tal-Organizzazzjonijiet⁴⁰. Sabiex jiġu evitati inkonsistenzi mhux neċessarji bil-klassifikazzjonijiet tal-attivitajiet ekonomiċi li diġà jeżistu għal għanijiet oħra, jenħtieġ li l-Kummissjoni tikkunsidra wkoll il-klassifikazzjonijiet tal-istatistika marbuta mas-Settur tal-Prodotti u s-Servizzi Ambjentali, prinċipalment il-Klassifikazzjoni tal-Attivitajiet u n-Nefqa għall-Protezzjoni Ambjentali (CEPA) u l-Klassifikazzjoni tal-Attivitajiet ta' Ġestjoni tar-Riżorsi (CreMA)⁴¹.

Emenda

(25) Meta tistabbilixxi u taġġorna l-kriterji ta' skrinjar tekniċi **u sett ta' indikaturi armonizzati**, jenħtieġ li l-Kummissjoni tikkunsidra l-liġi tal-Unjoni rilevanti, kif ukoll l-istrumenti mhux leġiżlattivi tal-Unjoni diġà fis-seħħ, inkluż ir-Regolament (UE) 66/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³⁷, l-Iskema ta' Ġestjoni u Verifika Ambjentali tal-UE,³⁸ il-Kriterji dwar l-Akkwist Pubbliku Ekoloġiku tal-UE³⁹, **il-Pjattaforma tal-Ekonomija Ċirkolari tal-Kummissjoni, il-Pjattaforma Ewropea dwar il-Valutazzjoni taċ-Ċiklu tal-Ħajja, ix-xogħol** li għadu għaddej fuq ir-regoli dwar l-Impronta Ambjentali tal-Prodotti u dwar l-Impronta Ambjentali tal-Organizzazzjonijiet⁴⁰. Sabiex jiġu evitati inkonsistenzi mhux neċessarji bil-klassifikazzjonijiet tal-attivitajiet ekonomiċi li diġà jeżistu għal għanijiet oħra, jenħtieġ li l-Kummissjoni tikkunsidra wkoll il-klassifikazzjonijiet tal-istatistika marbuta mas-Settur tal-Prodotti u s-Servizzi Ambjentali, prinċipalment il-Klassifikazzjoni tal-Attivitajiet u n-Nefqa għall-Protezzjoni Ambjentali (CEPA) u l-Klassifikazzjoni tal-Attivitajiet ta' Ġestjoni tar-Riżorsi (CreMA)⁴¹.

³⁷ Ir-Regolament (KE) Nru 66/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009 dwar skema ta' Ekotikketta tal-UE (ĠU L 27, 30.1.2010, p. 1).

³⁸ Ir-Regolament (KE) Nru 1221/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009 dwar il-parteciġazzjoni volontarja ta' organizzazzjonijiet fi skema Komunitarja ta' ġestjoni u verifika ambjentali (EMAS) li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 761/2001 u d-Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni 2001/681/KE u 2006/193/KE (ĠU L 342, 22.12.2009, pp. 1–45).

³⁹ Il-Kommunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni - Akkwist pubbliku għal ambjent aħjar {SEC(2008) 2124} {SEC(2008) 2125} {SEC(2008) 2126} COM/2008/0400 final.

⁴⁰ 2013/179/UE: Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tad-9 ta' April 2013 dwar l-użu ta' metodi komuni għall-kejl u l-komunikazzjoni tal-prestazzjoni ambjentali taċ-ċiklu tal-ħajja ta' prodotti u ta' organizzazzjonijiet (ĠU 124, 4.5.2013, p. 1-210.)

⁴¹ L-Annessi 4 u 5 tar-Regolament (UE) Nru 538/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 691/2011 dwar il-kontijiet ekonomiċi ambjentali Ewropej (ĠU L 158, 27.05.2014).

³⁷ Ir-Regolament (KE) Nru 66/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009 dwar skema ta' Ekotikketta tal-UE (ĠU L 27, 30.1.2010, p. 1).

³⁸ Ir-Regolament (KE) Nru 1221/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009 dwar il-parteciġazzjoni volontarja ta' organizzazzjonijiet fi skema Komunitarja ta' ġestjoni u verifika ambjentali (EMAS) li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 761/2001 u d-Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni 2001/681/KE u 2006/193/KE (ĠU L 342, 22.12.2009, pp. 1–45).

³⁹ Il-Kommunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni - Akkwist pubbliku għal ambjent aħjar {SEC(2008) 2124} {SEC(2008) 2125} {SEC(2008) 2126} COM/2008/0400 final.

⁴⁰ 2013/179/UE: Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tad-9 ta' April 2013 dwar l-użu ta' metodi komuni għall-kejl u l-komunikazzjoni tal-prestazzjoni ambjentali taċ-ċiklu tal-ħajja ta' prodotti u ta' organizzazzjonijiet (ĠU 124, 4.5.2013, p. 1-210.)

⁴¹ L-Annessi 4 u 5 tar-Regolament (UE) Nru 538/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 691/2011 dwar il-kontijiet ekonomiċi ambjentali Ewropej (ĠU L 158, 27.05.2014).

Emenda 23

Proposta għal regolament

Test propost mill-Kummissjoni

(26) Meta tistabbilixxi u taġġorna l-kriterji ta' skrinjar tekniċi jenħtieġ li l-Kummissjoni tqis ukoll l-ispeċifitàjiet ***tas-settur*** tal-infrastruttura kif ukoll l-esternalitajiet ambjentali, soċjali u ekonomiċi fi ħdan analiżi tal-ispejjeż u l-benefiċċji. F'dak ir-rigward, jenħtieġ li l-Kummissjoni tikkunsidra x-xogħol tal-organizzazzjonijiet internazzjonali, bħal l-OECD, il-leġiżlazzjoni u l-istandards rilevanti tal-Unjoni, inkluż id-Direttiva 2001/42/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴², id-Direttiva 2011/92/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴³, id-Direttiva 2014/23/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴⁴, id-Direttiva 2014/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴⁵, id-Direttiva 2014/25/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴⁶ u l-metodoloġija attwali. F'dak il-kuntest, jenħtieġ li l-kriterji ta' skrinjar tekniċi jippromwovu l-oqfsa xierqa ta' governanza li jintegraw il-fatturi ambjentali, soċjali u ta' governanza, kif imsemmija fil-Prinċipji li huma appoġġati min-Nazzjonijiet Uniti għall-Investment Responsabbli⁴⁷, f'kull stadju taċ-ċiklu tal-ħajja ta' proġett.

⁴² Id-Direttiva 2001/42/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Ġunju 2001 dwar l-istima tal-effetti ta' ċerti pjanijiet u programmi fuq l-ambjent (ĠU L 197, 21.7.2001, p. 30).

⁴³ Id-Direttiva 2011/92/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2011 dwar l-istima tal-effetti ta' ċerti proġetti pubbliċi u privati fuq l-ambjent (ĠU L 26, 28.1.2012, p. 1).

⁴⁴ Id-Direttiva 2014/23/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014

Emenda

(26) Meta tistabbilixxi u taġġorna l-kriterji ta' skrinjar tekniċi ***u indikaturi armonizzati*** jenħtieġ li l-Kummissjoni tqis ukoll l-ispeċifitàjiet ***tas-setturi differenti*** tal-infrastruttura kif ukoll l-esternalitajiet ambjentali, soċjali u ekonomiċi fi ħdan analiżi tal-ispejjeż u l-benefiċċji. F'dak ir-rigward, jenħtieġ li l-Kummissjoni tikkunsidra x-xogħol tal-organizzazzjonijiet internazzjonali, bħal l-OECD, il-leġiżlazzjoni u l-istandards rilevanti tal-Unjoni, inkluż id-Direttiva 2001/42/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴², id-Direttiva 2011/92/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴³, id-Direttiva 2014/23/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴⁴, id-Direttiva 2014/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴⁵, id-Direttiva 2014/25/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴⁶ u l-metodoloġija attwali. F'dak il-kuntest, jenħtieġ li l-kriterji ta' skrinjar tekniċi ***u l-indikaturi*** jippromwovu l-oqfsa xierqa ta' governanza li jintegraw il-fatturi ambjentali, soċjali u ta' governanza, kif imsemmija fil-Prinċipji li huma appoġġati min-Nazzjonijiet Uniti għall-Investment Responsabbli⁴⁷, f'kull stadju taċ-ċiklu tal-ħajja ta' proġett.

⁴² Id-Direttiva 2001/42/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Ġunju 2001 dwar l-istima tal-effetti ta' ċerti pjanijiet u programmi fuq l-ambjent (ĠU L 197, 21.7.2001, p. 30).

⁴³ Id-Direttiva 2011/92/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2011 dwar l-istima tal-effetti ta' ċerti proġetti pubbliċi u privati fuq l-ambjent (ĠU L 26, 28.1.2012, p. 1).

⁴⁴ Id-Direttiva 2014/23/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014

dwar l-għoti ta' kuntratti ta' konċessjoni (ĠU L 94, 28.3.2014, p. 1).

⁴⁵ Id-Direttiva 2014/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-akkwist pubbliku u li tħassar id-Direttiva 2004/18/KE (ĠU L 94, 28.3.2014, p. 65).

⁴⁶ Id-Direttiva 2014/25/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-akkwist minn entitajiet li joperaw fis-setturi tas-servizzi tal-ilma, l-enerġija, it-trasport u postali u li tħassar id-Direttiva 2004/17/KE (ĠU L 94, 28.3.2014, p. 243).

⁴⁷

<https://www.unpri.org/download?ac=1534>.

dwar l-għoti ta' kuntratti ta' konċessjoni (ĠU L 94, 28.3.2014, p. 1).

⁴⁵ Id-Direttiva 2014/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-akkwist pubbliku u li tħassar id-Direttiva 2004/18/KE (ĠU L 94, 28.3.2014, p. 65).

⁴⁶ Id-Direttiva 2014/25/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-akkwist minn entitajiet li joperaw fis-setturi tas-servizzi tal-ilma, l-enerġija, it-trasport u postali u li tħassar id-Direttiva 2004/17/KE (ĠU L 94, 28.3.2014, p. 243).

⁴⁷

<https://www.unpri.org/download?ac=1534>.

Emenda 24

Proposta għal regolament Premessa 26a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(26a) Fid-definizzjoni tal-kriterji ta' skrinjar tekniċi, jenħtieġ li l-Kummissjoni tqis ukoll il-miżuri tranżizzjonali lejn attivitajiet li jappoġġjaw it-tranżizzjoni lejn ekonomija aktar sostenibbli u b'livell baxx ta' karbonju. Għal kumpaniji li attwalment huma involuti f'attivitajiet ekonomiċi li huma ta' ħsara kbira għall-ambjent jenħtieġ li jkun hemm inċentivi biex issir tranżizzjoni rapida lejn status ambjentalment sostenibbli, jew tal-inqas ambjentalment mhux problematiku. Il-kriterji tekniċi ta' skrinjar jenħtieġ li jinkoraġġixxu proċessi ta' tranżizzjoni bħal dawn fejn ikunu qed iseħħu. Jekk il-biċċa l-kbira tal-impriżi li jwettqu attività dannuża partikolari jkunu involuti b'mod ċar f'tali tranżizzjoni, il-kriterji ta' skrinjar jistgħu jikkunsidraw dan. L-eżistenza ta' sforzi tat-tranżizzjoni serji jistgħu jintwerew, fost affarijiet oħra,

permezz ta' sforzi sostnuti tar-riċerka u żvilupp, proġetti kbar ta' nfiq tal-kapital tal-investiment f'teknoloġiji ġodda u aktar ambjentalment sostenibbli, jew pjanijiet tat-tranżizzjoni konkreti għall-inqas fl-istadji bikrija tal-implimentazzjoni.

Emenda 25

Proposta għal regolament Premessa 27

Test propost mill-Kummissjoni

(27) Biex jevitaw li jfixxlu l-kompetizzjoni meta jiġbru l-fondi għall-attivitajiet ekonomiċi ambjentalment sostenibbli, jenħtieġ li l-kriterji ta' skrinjar tekniċi jiżguraw li l-attivitajiet ekonomiċi kollha *f'settur speċifiku* jistgħu jikkwalifikaw bħala ambjentalment sostenibbli u jiġu trattati indaqs jekk jikkontribwixxu lejn wieħed jew aktar mill-għanijiet ambjentali stabbiliti f'dan ir-Regolament. Il-kapaċità potenzjali ta' kontribuzzjoni lejn dawk l-għanijiet ambjentali tista' madankollu tvarja fis-setturi, li jenħtieġ li jiġi rifless f'dawk il-kriterji. Madankollu, f'kull settur, jenħtieġ li dawk il-kriterji ma jagħtux vantaġġ inġust lil ċerti attivitajiet ekonomiċi biss jekk attivitajiet oħra jikkontribwixxu lejn l-għanijiet ambjentali bl-istess mod bħal dawk tal-ewwel.

Emenda

(27) Biex *iħeġġu l-innovazzjoni ambjentalment sostenibbli u* biex jevitaw li jfixxlu l-kompetizzjoni meta jiġbru l-fondi għall-attivitajiet ekonomiċi ambjentalment sostenibbli, jenħtieġ li l-kriterji ta' skrinjar tekniċi jiżguraw li l-attivitajiet ekonomiċi kollha *f'makrosetturi (jiġifieri s-setturi NACE bħall-agrikoltura, il-forestrija u s-sajd, il-manifattura, il-provvista tal-elettriku, tal-gass, tal-fwar u tal-arja kundizzjonata, il-bini, it-trasport u s-servizzi ta' ħażna)* jistgħu jikkwalifikaw bħala ambjentalment sostenibbli u jiġu trattati indaqs jekk jikkontribwixxu lejn wieħed jew aktar mill-għanijiet ambjentali stabbiliti f'dan ir-Regolament, *filwaqt li ma jagħmlux ħsara sinifikanti lil kwalunkwe għan ambjentali ieħor fl-Artikoli 3 u 12.* Il-kapaċità potenzjali ta' kontribuzzjoni lejn dawk l-għanijiet ambjentali tista' madankollu tvarja fis-setturi, li jenħtieġ li jiġi rifless f'dawk il-kriterji *ta' skrinjar.* Madankollu, f'kull settur *ekonomiku makrosettoralji,* jenħtieġ li dawk il-kriterji ma jagħtux vantaġġ inġust lil ċerti attivitajiet ekonomiċi biss jekk attivitajiet oħra jikkontribwixxu lejn l-għanijiet ambjentali bl-istess mod bħal dawk tal-ewwel, *filwaqt li ma jagħmlux ħsara sinifikanti lil kwalunkwe għan ambjentali ieħor imsemmi fl-Artikoli 3 u 12.*

Emenda 26

Proposta għal regolament Premessa 27a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(27a) L-attivitajiet ambjentalment sostenibbli huma r-riżultat ta' teknoloġiji u prodotti żviluppati tul il-katina tal-valur kollha. Għal din ir-raġuni, jenħtieġ li l-kriterji ta' skrinjar tekniċi jqisu r-rwol tal-katina tal-valur sħiħa, mill-iproċessar tal-materji primi sal-prodott finali u l-fażi tal-iskart tiegħu, fit-twettiq finali tal-attivitajiet ambjentalment sostenibbli.

Emenda 27

Proposta għal regolament Premessa 27b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(27b) Biex jevitaw li jfixklu l-katini tal-valur li jiffunzjonaw sew, jenħtieġ li l-kriterji ta' skrinjar tekniċi jqisu li l-attivitajiet ambjentalment sostenibbli jistgħu jsiru permezz ta' teknoloġiji u prodotti żviluppati minn diversi atturi ekonomiċi.

Emenda 28

Proposta għal regolament Premessa 28

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(28) Meta tistabbilixxi l-kriterji ta'

(28) Meta tistabbilixxi l-kriterji ta'

skrinjar tekniċi, jenħtieġ li l-Kummissjoni tevalwa jekk ***l-adozzjoni*** ta' dawk il-kriterji għall-attivitajiet ambjentalment sostenibbli tagħtix lok għal assi mhux irkuprabbli jew tipproduċi inċentivi inkonsistenti, ***u jekk ikollhiex impatt negattiv fuq il-likwidità fis-swieq finanzjarji.***

skrinjar tekniċi, jenħtieġ li l-Kummissjoni tevalwa ***r-riskji potenzjali tat-tranżizzjoni,*** jekk ***il-pass tal-adozzjoni*** ta' dawk il-kriterji għall-attivitajiet ambjentalment sostenibbli tagħtix lok għal assi mhux irkuprabbli jew tipproduċi inċentivi inkonsistenti.

Emenda 29

Proposta għal regolament Premessa 30

Test propost mill-Kummissjoni

(30) Sabiex tiżgura li l-investimenti jmorru għand attivitajiet ekonomiċi li jkollhom l-akbar impatt pożittiv fuq l-għanijiet ambjentali, jenħtieġ li l-Kummissjoni tagħti prijorità lit-twaqqif ta' kriterji ta' skrinjar tekniċi għall-attivitajiet ekonomiċi li għandhom il-potenzjal li jagħtu l-akbar kontribut lill-għanijiet ambjentali.

Emenda

(30) Sabiex tiżgura li l-investimenti jmorru għand attivitajiet ekonomiċi li jkollhom l-akbar impatt pożittiv fuq l-għanijiet ambjentali, jenħtieġ li l-Kummissjoni tagħti prijorità lit-twaqqif ta' kriterji ta' skrinjar tekniċi għall-attivitajiet ekonomiċi li għandhom il-potenzjal li jagħtu l-akbar kontribut lill-għanijiet ambjentali. ***Jenħtieġ li l-kriterji ta' skrinjar iqisu l-eżiti tal-proġetti biex jiġu ffaċilitati l-identifikazzjoni u l-iżvilupp ta' teknoloġiji ġodda kif ukoll biex titqies l-iskalabbiltà ta' dawn it-teknoloġiji.***

Emenda 30

Proposta għal regolament Premessa 31

Test propost mill-Kummissjoni

(31) Jenħtieġ li jiġu stabbiliti kriterji ta' skrinjar tekniċi xierqa għas-settur tat-trasport, inkluż għal assi mobbli, li jenħtieġ li jqisu ***l-fatt li*** s-settur tat-trasport, inkluż it-trasport marittimu internazzjonali, jikkontribwixxi mas-26 % tal-emissjonijiet ta' gass b'effett ta' serra totali fl-Unjoni. Kif

Emenda

(31) Jenħtieġ li jiġu stabbiliti kriterji ta' skrinjar tekniċi xierqa għas-settur tat-trasport, inkluż għal assi mobbli, li jenħtieġ li jqisu ***ċ-ċiklu tal-ħajja kollu tat-teknoloġiji u*** s-settur tat-trasport, inkluż it-trasport marittimu internazzjonali, jikkontribwixxi mas-26 % tal-emissjonijiet

muri fil-Pjan ta' Azzjoni dwar il-Finanzi għal Tkabbir Sostenibbli⁴⁶, is-settur tat-trasport jirrapreżenta madwar 30 % tal-ħtiġijiet addizzjonali annwali ta' investiment għall-iżvilupp sostenibbli fl-Unjoni, inkluż biż-żieda tal-elettriku jew it-tranżizzjoni lejn metodi aktar nodfa ta' trasport bil-promozzjoni ta' bidla modali u għestjoni tat-traffiku.

⁴⁸ COM(2018) 97 final.

ta' gass b'effett ta' serra totali fl-Unjoni. Kif muri fil-Pjan ta' Azzjoni dwar il-Finanzi għal Tkabbir Sostenibbli⁴⁶, is-settur tat-trasport jirrapreżenta madwar 30 % tal-ħtiġijiet addizzjonali annwali ta' investiment għall-iżvilupp sostenibbli fl-Unjoni, inkluż biż-żieda tal-elettriku jew it-tranżizzjoni lejn metodi aktar nodfa ta' trasport bil-promozzjoni ta' bidla modali u għestjoni tat-traffiku.

⁴⁸ COM(2018) 97 final.

Emenda 31

Proposta għal regolament

Premessa 32

Test propost mill-Kummissjoni

(32) Huwa ta' importanza partikolari li meta tkun qed tipprepara t-tfassil tal-kriterji ta' skrinjar tekniċi, il-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa skont ir-rekwiżiti ta' Regolamentazzjoni Aħjar. Jenħtieġ li l-proċess għall-iżvilupp u l-aġġornament tal-kriterji ta' skrinjar tekniċi jinvolvi wkoll lill-partijiet ikkonċernati u jibbaża ruħu fuq **il-pariri** ta' esperti b'għarfien u esperjenza ppruvata fl-oqsma rilevanti. Għal dak il-għan, jenħtieġ li l-Kummissjoni twaqqaf Pjattaforma dwar il-finanzjament sostenibbli. Jenħtieġ li din il-Pjattaforma tkun iffurmata minn esperti li jirrapreżentaw kemm lis-settur privat kif ukoll lis-settur pubbliku. Jenħtieġ li r-rappreżentanti tas-settur pubbliku jinkludu esperti mill-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent, mill-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej u mill-Bank Ewropew għall-Investment. Jenħtieġ li l-esperti tas-settur privat jinkludu rappreżentanti tal-partijiet ikkonċernati rilevanti, inkluż l-attur tas-swieq finanzjarji, l-universitajiet, l-istituti tar-riċerki, l-assoċjazzjonijiet u l-organizzazzjonijiet. Jenħtieġ li l-

Emenda

(32) Huwa ta' importanza partikolari li meta tkun qed tipprepara t-tfassil tal-kriterji ta' skrinjar tekniċi, il-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa skont ir-rekwiżiti ta' Regolamentazzjoni Aħjar. Jenħtieġ li l-proċess għall-iżvilupp u l-aġġornament tal-kriterji ta' skrinjar tekniċi **u l-indikaturi armonizzati** jinvolvi wkoll lill-partijiet ikkonċernati u jibbaża ruħu fuq **l-evidenza xjentifika, l-impatt soċjoekonomiku, l-aħjar Prattika u x-xogħol eżistenti u l-entitajiet, b'mod partikolari l-Kummissjoni Ewropea u l-Pjattaforma għall-Ekonomija Ċirkolari, u l-pariri** ta' esperti b'għarfien u esperjenza **globali** ppruvata fl-oqsma rilevanti. Għal dak il-għan, jenħtieġ li l-Kummissjoni twaqqaf Pjattaforma dwar il-finanzjament sostenibbli. Jenħtieġ li din il-Pjattaforma tkun iffurmata minn **firxa wiesgħa ta'** esperti li jirrapreżentaw kemm lis-settur privat kif ukoll lis-settur pubbliku **biex jiġi żgurat li l-ispeċifità jiet kollha tas-setturi rilevanti jitqiesu b'mod dovut**. Jenħtieġ li r-rappreżentanti tas-settur pubbliku jinkludu esperti mill-Aġenzija Ewropea

Pjattaforma tagħti pariri lill-Kummissjoni dwar l-iżvilupp, l-analiżi u r-reviżjoni tal-kriterji ta' skrinjar tekniċi, kif ukoll l-impatt potenzjali tagħhom fuq il-valutazzjoni ta' dawk l-assi li sal-adozzjoni tal-kriterji ta' skrinjar tekniċi kienu kkunsidrati bħala **assi "ekoloġiċi"** skont il-prattiki tas-suq attwali. Jenħtieġ li l-Pjattaforma tagħti pariri lill-Kummissjoni wkoll dwar jekk il-kriterji ta' skrinjar tekniċi humiex adegwati għal użu ulterjuri fl-inizjattivi ta' politika futuri tal-Unjoni li għandhom l-għan li jiffaċilitaw l-investment sostenibbli.

għall-Ambjent **u mill-aġenziji nazzjonali għall-protezzjoni tal-ambjent**, mill-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej, **mill-Grupp Konsultattiv Ewropew għar-Rappurtar Finanzjarju**, u mill-Bank Ewropew għall-Investment. Jenħtieġ li l-esperti tas-settur privat jinkludu rappreżentanti tal-partijiet ikkonċernati rilevanti, inkluż l-attur tas-swieq finanzjarji **u tas-swieq mhux finanzjarji, ir-rappreżentanti tal-ekonomija reali li jirrappreżentaw firxa wiesgħa ta' industriji**, l-universitajiet, l-istituti tar-riċerki, l-assoċjazzjonijiet u l-organizzazzjonijiet. **Meta jkun neċessarju, jenħtieġ li l-Pjattaforma tkun tista' titlob pariri mingħand dawk li mhumiex membri.** Jenħtieġ li l-Pjattaforma tagħti pariri lill-Kummissjoni dwar l-iżvilupp, l-analiżi u r-reviżjoni tal-kriterji ta' skrinjar tekniċi **u indikaturi armonizzati**, kif ukoll l-impatt potenzjali tagħhom fuq il-valutazzjoni ta' dawk l-assi li sal-adozzjoni tal-kriterji ta' skrinjar tekniċi kienu kkunsidrati bħala **sostenibbli** skont il-prattiki tas-suq attwali. Jenħtieġ li l-Pjattaforma tagħti pariri lill-Kummissjoni wkoll dwar jekk il-kriterji ta' skrinjar tekniċi **u l-indikaturi** humiex adegwati għal użu ulterjuri fl-inizjattivi ta' politika futuri tal-Unjoni li għandhom l-għan li jiffaċilitaw l-investment sostenibbli. **Jenħtieġ li l-Pjattaforma tagħti pariri lill-Kummissjoni dwar l-iżvilupp ta' standards kontabilistiċi ta' sostenibbiltà u standards ta' rappurtar integrat għall-korporattivi u għall-parteciċipanti tas-suq finanzjarju, inkluż permezz tar-reviżjoni tad-Direttiva 2013/34/UE.**

Emenda 32

Proposta għal regolament

Premessa 33

Test propost mill-Kummissjoni

(33) Sabiex tkun tista' tispeċifika r-rekwiżiti previsti f'dan ir-Regolament, u b'mod partikolari sabiex tistabbilixxi u taġġorna kriterji ta' skrinjar tekniċi granulari u kalibrati għal attivitajiet ekonomiċi differenti dwar x'jikkostitwixxi kontribuzzjoni sostanzjali u ħsara sinifikanti għall-għanijiet ambjentali, is-setgħa biex jiġu adottati atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jenħtieġ li tiġi delegata lill-Kummissjoni f'dak li għandu x'jaqsam mal-informazzjoni meħtieġa biex ikun hemm konformità mal-obbligu ta' żvelar previst fl-Artikolu 4(3) u l-kriterji ta' skrinjar tekniċi msemmija fl-Artikolu 6(2), l-Artikolu 7(2), l-Artikolu 8(2), l-Artikolu 9(2), l-Artikolu 10(2) u l-Artikolu 11(2). Huwa ta' importanza partikolari li waqt il-ħidma preparatorja tagħha, il-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa anke fil-livell tal-esperti, u li daww il-konsultazzjonijiet jsiru f'konformità mal-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016. B'mod partikolari, sabiex tiżgura parteċipazzjoni indaqs fil-preparazzjoni tal-atti delegati, jenħtieġ li l-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin mal-esperti tal-Istati Membri, u jenħtieġ li l-esperti tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ikollhom aċċess sistematiku għal-laqqgħat tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni li huma involuti fil-preparazzjoni tal-atti delegati.

Emenda

(33) Sabiex tkun tista' tispeċifika r-rekwiżiti previsti f'dan ir-Regolament, u b'mod partikolari sabiex tistabbilixxi u taġġorna **indikaturi u** kriterji ta' skrinjar tekniċi granulari u kalibrati għal attivitajiet ekonomiċi differenti dwar x'jikkostitwixxi kontribuzzjoni sostanzjali u ħsara sinifikanti għall-għanijiet ambjentali, is-setgħa biex jiġu adottati atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jenħtieġ li tiġi delegata lill-Kummissjoni f'dak li għandu x'jaqsam mal-informazzjoni meħtieġa biex ikun hemm konformità mal-obbligu ta' żvelar previst fl-Artikolu 4(3) u l-kriterji ta' skrinjar tekniċi msemmija fl-Artikolu 6(2), l-Artikolu 7(2), l-Artikolu 8(2), l-Artikolu 9(2), l-Artikolu 10(2) u l-Artikolu 11(2). Huwa ta' importanza partikolari li waqt il-ħidma preparatorja tagħha, il-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet **pubbliċi** xierqa anke fil-livell tal-esperti, u li daww il-konsultazzjonijiet jsiru f'konformità mal-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016. B'mod partikolari, sabiex tiżgura parteċipazzjoni indaqs fil-preparazzjoni tal-atti delegati, jenħtieġ li l-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin mal-esperti tal-Istati Membri, u jenħtieġ li l-esperti tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ikollhom aċċess sistematiku għal-laqqgħat tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni li huma involuti fil-preparazzjoni tal-atti delegati.

Emenda 33

Proposta għal regolament

Premessa 35

Test propost mill-Kummissjoni

(35) Jenħtieġ li dan ir-Regolament jiġi rieżaminat regolarment sabiex jivvaluta l-progress fuq l-iżvilupp ta' kriterji tekniċi ta' skrinjar għal attivitajiet ambjentalment sostenibbli, l-użu tad-definizzjoni ta' investment ambjentalment sostenibbli, u jekk il-konformità mal-obbligi tirrikjedix l-istabbiliment ta' mekkaniżmu ta' verifika. Jenħtieġ li r-rieżami jinkludi wkoll valutazzjoni **ta' jekk** il-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament **jenhtiegħ li jiġi estiż** biex ikopri objettivi ta' sostenibbiltà soċjali.

Emenda

(35) Jenħtieġ li dan ir-Regolament jiġi rieżaminat regolarment **u mill-inqas wara sentejn** sabiex jivvaluta l-progress fuq l-iżvilupp ta' kriterji tekniċi ta' skrinjar **u indikaturi armonizzati** għal attivitajiet ambjentalment sostenibbli **u ambjentalment dannużi**, l-użu tad-definizzjoni ta' investment ambjentalment sostenibbli **jew investimenti li jkollhom impatt ambjentali negattiv**, u jekk il-konformità mal-obbligi tirrikjedix l-istabbiliment ta' mekkaniżmu ta' verifika **ulterjuri**. Jenħtieġ li r-rieżami jinkludi wkoll valutazzjoni **tad-dispożizzjonijiet meħtieġa biex jiġi estiż** il-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament biex ikopri objettivi ta' sostenibbiltà soċjali. **Sal-31 ta' Marzu 2020, jenħtieġ li, fejn ikun xieraq, il-Kummissjoni tippubblika proposti leġiżlattivi ulterjuri dwar l-istabbiliment ta' mekkaniżmu ta' verifika tal-konformità.**

Emenda 34

Proposta għal regolament Premessa 36

Test propost mill-Kummissjoni

(36) Billi l-Istati Membri ma jistgħux jilhqqu biżżejjed l-objettivi ta' dan ir-Regolament, iżda jistgħu jintlaħqu aħjar fil-livell tal-UE, minħabba l-ħtieġa li jiġu introdotti kriterji uniformi fil-livell tal-Unjoni għal attivitajiet ekonomiċi ambjentalment sostenibbli, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, skont il-prinċipju tas-sussidjarjetà stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju tal-

Emenda

(36) Billi l-Istati Membri ma jistgħux jilhqqu biżżejjed l-objettivi ta' dan ir-Regolament, iżda jistgħu jintlaħqu aħjar fil-livell tal-UE, minħabba l-ħtieġa li jiġu introdotti kriterji **u indikaturi** uniformi fil-livell tal-Unjoni għal attivitajiet ekonomiċi ambjentalment sostenibbli, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, skont il-prinċipju tas-sussidjarjetà stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju tal-

proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ sabiex jinkisbu dawk l-oġġettivi,

proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ sabiex jinkisbu dawk l-oġġettivi,

Emendi 35, 55, 59, 87 u 96

Proposta għal regolament Artikolu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Artikolu 1

Suġġett u kamp ta' applikazzjoni

1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi l-kriterji biex jiġi determinat **jekk** attività ekonomika **hijiex ambjentalment sostenibbli** għall-finijiet ta' stabbiliment tal-livell ta' sostenibbiltà ambjentali ta' investment.
2. Dan ir-Regolament japplika għal dawn li ġejjin:
 - (a) miżuri adottati mill-Istati Membri jew mill-Unjoni li jistabbilixxu kwalunkwe rekwiżit dwar **atturi fis-suq** fir-rigward ta' prodotti finanzjarji jew bonds korporattivi li huma kummerċjalizzati bħala ambjentalment sostenibbli.
 - (b) parteċipanti fis-swieq finanzjarji li joffru prodotti finanzjarji bħala investimenti ambjentalment sostenibbli jew bħala investimenti b'karatteristiċi simili.

Emenda

Artikolu 1

Suġġett u kamp ta' applikazzjoni

1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi l-kriterji biex jiġi determinat **il-grad ta' impatt ambjentali u s-sostenibbiltà ta'** attività ekonomika għall-finijiet ta' stabbiliment tal-livell ta' sostenibbiltà ambjentali ta' investment.
2. Dan ir-Regolament japplika għal dawn li ġejjin:
 - (a) miżuri adottati mill-Istati Membri jew mill-Unjoni li jistabbilixxu kwalunkwe rekwiżit dwar **parteċipanti fis-swieq finanzjarji** fir-rigward ta' prodotti finanzjarji jew bonds korporattivi li huma kummerċjalizzati **fi ħdan l-Unjoni** bħala ambjentalment sostenibbli.
 - (b) parteċipanti fis-swieq finanzjarji **fi ħdan l-Unjoni** li joffru lill-klijenti tal-UE prodotti finanzjarji bħala investimenti ambjentalment sostenibbli jew bħala investimenti b'karatteristiċi simili, **u**
 - (ba) **parteċipanti fis-swieq finanzjarji li joffru prodotti finanzjarji oħra ħliet fejn:**
 - i. **jipprovdu spjegazzjonijiet, appoġġati minn evidenza raġonevoli li tkun sodisfaċenti għall-awtoritajiet kompetenti rilevanti, li l-attivitajiet ekonomiċi ffinanzjati mill-prodotti finanzjarji tagħhom ma jkollhom xi impatt sinifikanti fuq is-sostenibbiltà skont il-kriterji tekniċi ta' skrinjar imsemmija fl-**

Artikoli 3 u 3a, f'liema każ id-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu II u III m'għandhomx japplikaw. Din l-informazzjoni għandha tkun ipprovduta fil-prospett tagħhom, jew

ii. il-parteciċipanti fis-swieq finanzjarji jiddikjaraw fil-prospett tagħhom li l-prodott finanzjarju inkwistjoni ma jsegwix għanijiet ta' sostenibbiltà u li l-prodott huwa f'riskju miżjud li jappoġġa attivitajiet ekonomiċi li mhumiex ikkunsidrati bħala sostenibbli skont dan ir-regolament.

2a. Il-kriterji msemmija fl-Artikolu 1(1) għandhom jiġu applikati b'mod proporzjonat, billi jiġi evitat piż amministrattiv eċċessiv, u billi jitqiesu n-natura, il-livell u l-kumplessità tal-parteciċipant fis-swieq finanzjarji u l-istituzzjonijiet ta' kreditu permezz ta' dispożizzjonijiet simplifikati għal entitajiet żgħar u mhux kumplessi f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 4(2)(d).

2b. Il-kriterji msemmija fl-ewwel paragrafu ta' dan l-Artikolu jistgħu jintużaw għall-għan imsemmi f'dak il-paragrafu mill-impriżi mhux koperti mill-Artikolu 1(2) jew fir-rigward ta' strumenti finanzjarji oħra minbarra dawk definiti fl-Artikolu 2 fuq bażi volontarja,

2c. Il-Kummissjoni għandha tadotta att delegat għall-fini li tiġi speċifikata l-informazzjoni li l-parteciċipanti fis-swieq finanzjarji għandhom jippreżentaw lill-awtoritajiet kompetenti rilevanti għall-fini tal-punt (a) tal-paragrafu 2.

Emendi 36, 88 u 89

Proposta għal regolament

Artikolu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Artikolu 2

Definizzjonijiet

1. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(a) "investment ambjentalment sostenibbli" tfisser investment li jffinanzja attività ekonomika waħda jew aktar li jikkwalifikaw taħt dan ir-Regolament bħala ambjentalment sostenibbli;

(b) "parteċipanti fis-swieq finanzjarji" tfisser **parteċipanti fis-swieq finanzjarji** kif definit fl-Artikoli 2(a) ta' [proposta tal-Kummissjoni għal Regolament dwar żvelar relatat ma' investimenti sostenibbli u riskji għas-sostenibbiltà u li temenda d-Direttiva (UE) 2016/2341];

(c) "prodotti finanzjarji" tfisser **prodotti finanzjarji** kif definit fl-Artikoli 2(j) ta' [proposta tal-Kummissjoni għal Regolament dwar żvelar relatat ma' investimenti sostenibbli u riskji għas-sostenibbiltà u li temenda d-Direttiva (UE) 2016/2341];

Emenda

Artikolu 2

Definizzjonijiet

1. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(a) "investment ambjentalment sostenibbli" tfisser investment li jffinanzja attività ekonomika waħda jew aktar li jikkwalifikaw taħt dan ir-Regolament bħala ambjentalment sostenibbli;

(b) "parteċipanti fis-swieq finanzjarji" tfisser **kwalunkwe wieħed minn dawn li ġejjin**, kif definit fl-Artikoli 2(a) ta' [proposta tal-Kummissjoni għal Regolament dwar żvelar relatat ma' investimenti sostenibbli u riskji għas-sostenibbiltà u li temenda d-Direttiva (UE) 2016/2341];

(i) istituzzjoni ta' kreditu kif definit fil-punt (1) tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 definit skont [PO daħħal ir-referenza għall-Artikolu rilevanti tar-Regolament (UE) Nru 575/2013];

(ba) "emittent" tfisser emittent elenkat kif definit fil-punt (h) tal-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 2003/71/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill^a u l-punt(h) tal-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) 2017/1129 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill^b;

(c) "prodotti finanzjarji" tfisser **portafoll ta' ġestjoni, AIF, IBIP, prodott tal-pensjoni, skema tal-pensjoni jew UCITS, bond korporattiv**, kif definit fl-Artikoli 2(j) ta' [proposta tal-Kummissjoni għal Regolament dwar żvelar relatat ma' investimenti sostenibbli u riskji għas-sostenibbiltà u li temenda d-Direttiva (UE) 2016/2341], **kif ukoll il-ħruġ**

imsemmi fid-Direttiva 2003/71/KE u r-Regolament (UE) 2017/1129;

(ca) "indikaturi ambjentali" tfisser, bħala minimu, il-kejl tal-konsum tar-riżorsi, bħall-materji primi, l-enerġija, l-enerġija rinnovabbli, l-ilma, l-impatt fuq servizzi tal-ekosistema, l-emissjonijiet inkluż is-CO₂, l-impatt fuq il-bijodiversità u l-użu tal-art u l-produzzjoni tal-iskart, abbażi tal-evidenza xjentifika, il-metodoloġija tal-Kummissjoni dwar il-Valutazzjoni taċ-Ċiklu tal-Ħajja u kif stipulat fil-qafas ta' monitoraġġ tal-Kummissjoni dwar l-ekonomija ċirkolari (COM/2018/29 final);

(cb) "awtorità kompetenti nazzjonali rilevanti" tfisser l-awtorità, jew l-awtoritajiet, kompetenti jew superviżorji fl-Istati Membri kif speċifikat fl-atti tal-Unjoni msemmija fl-Artikolu 1(2) tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010, tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 u tar-Regolament (UE) Nru 1094/2010, li fil-kamp ta' applikazzjoni tagħhom ikopru l-kategorija tal-parteċipant fis-swieq finanzjarji soġġett għar-rekwiżit tal-iżvelar imsemmi fl-Artikolu 4 ta' dan ir-Regolament;

(cc) "ASE rilevanti" tfisser l-Awtorità Superviżorja Ewropea, jew l-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej, speċifikati fl-atti tal-Unjoni msemmija fl-Artikolu 1(2) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, tar-Regolament (UE) Nru 1094/2010 u/jew tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010, li fil-kamp ta' applikazzjoni tagħhom ikopru l-kategorija tal-parteċipant fis-swieq finanzjarji soġġett għar-rekwiżit tal-iżvelar imsemmi fl-Artikolu 4 ta' dan ir-Regolament;

(d) "mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima" tfisser ***il-proċess*** biex titrażżan iż-żieda tat-temperatura medja globali biex tinżamm ferm inqas minn 2 °C ***iktar mil-livelli preindustrijali u*** biex ***iż-żieda tat-temperatura*** tiġi limitata għal 1.5 °C iktar mil-livelli preindustrijali;

(d) "mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima" tfisser ***il-proċessi, inklużi miżuri tranżizzjonali, meħtieġa*** biex titrażżan iż-żieda tat-temperatura medja globali biex tinżamm ferm inqas minn 2 °C ***u l-insewiment ta' sforzi*** biex tiġi limitata għal 1,5 °C iktar mil-livelli preindustrijali, ***kif stabbilit fil-Ftehim ta' Pariġi;***

(e) "adattament għat-tibdil fil-klima" tfisser il-proċess ta' aġġustament **għal klima** attwali u mistennija u l-effetti tagħha;

(f) "gass serra" tfisser gass serra elenkat fl-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 525/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴⁹;

(g) "ekonomija ċirkolari" tfisser li jinżamm il-valur tal-prodotti, tal-materjali u tar-riżorsi fl-ekonomija għall-itwal żmien possibbli, u jitnaqqas l-iskart, inkluż permezz tal-applikazzjoni tal-ġerarkija tal-iskart kif stabbilit fl-Artikolu 4 tad-Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁵⁰;

(h) "tniġġis" tfisser:

(i) l-introduzzjoni diretta jew indiretta, bħala riżultat ta' attività tal-bniedem, ta' sustanzi, vibrazzjonijiet, sħana, ħsejjes jew inkwinanti oħra fl-arja, fil-baħar jew fl-art li jistgħu jkunu ta' ħsara għas-saħħa tal-bniedem jew għall-kwalità tal-ambjent, li tista' tirriżulta fi ħsara għal proprjetà materjali, jew tista' tgħarraq jew tfixkel il-faċilitajiet u l-użi oħra leġittimi tal-ambjent;

(ii) fil-kuntest tal-ambjent marin, it-tniġġis kif definit fl-Artikolu 3(8) tad-Direttiva 2008/56/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁵¹;

(i) "ekosistema b'saħħitha" tfisser ekosistema li tinsab f'kundizzjoni fiżika, kimika u bijoloġika tajba jew ta' kwalità fiżika, kimika u bijoloġika;

(e) "adattament għat-tibdil fil-klima" tfisser il-proċess ta' aġġustament **għat-tibdil fil-klima** attwali u mistennija u l-effetti tagħha;

(f) "gass serra" tfisser gass serra elenkat fl-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 525/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴⁹;

(g) "ekonomija ċirkolari" tfisser li jinżamm il-valur **u l-użu** tal-prodotti, tal-materjali u tar-riżorsi **l-oħrajn kollha** fl-ekonomija **fl-oġhla livell tagħhom** għall-itwal żmien possibbli, **u b'hekk jitnaqqas l-impatt ambjentali** u jitnaqqas l-iskart, inkluż permezz tal-applikazzjoni tal-ġerarkija tal-iskart kif stabbilit fl-Artikolu 4 tad-Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁵⁰ **u jiġi minimizzat l-użu ta' riżorsi abbażi tal-indikaturi tal-ekonomija ċirkolari kif stabbilit fil-qafas ta' monitoraġġ dwar il-progress lejn ekonomija ċirkolari, li jkopri stadji differenti ta' produzzjoni, konsum, ġestjoni tal-iskart;**

(h) "tniġġis" tfisser:

(i) l-introduzzjoni diretta jew indiretta, bħala riżultat ta' attività tal-bniedem, ta' sustanzi, vibrazzjonijiet, sħana, ħsejjes, **dwal** jew inkwinanti oħra fl-arja, fil-baħar jew fl-art li jistgħu jkunu ta' ħsara għas-saħħa tal-bniedem jew għall-kwalità tal-ambjent, li tista' tirriżulta fi ħsara għal proprjetà materjali, jew tista' tgħarraq jew tfixkel il-faċilitajiet u l-użi oħra leġittimi tal-ambjent;

(ii) fil-kuntest tal-ambjent marin, it-tniġġis kif definit fl-Artikolu 3(8) tad-Direttiva 2008/56/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁵¹;

(iia) fil-kuntest tal-ambjent tal-ilma, it-tniġġis kif definit fl-Artikolu 2(33) tad-Direttiva 2006/60/KE;

(i) "ekosistema b'saħħitha" tfisser ekosistema li tinsab f'kundizzjoni fiżika, kimika u bijoloġika tajba jew ta' kwalità fiżika, kimika u bijoloġika **u li għandha kapaċità ta' riproduzzjoni awtonoma jew**

- (j) "effiċjenza enerġetika" tfisser l-użu aktar effiċjenti fl-istadji kollha tal-katina tal-enerġija mill-produzzjoni sal-konsum finali;
- (k) "status ambjentali tajjeb" tfisser status ambjentali tajjeb kif definit fl-Artikolu 3(5) tad-Direttiva 2008/56/KE;
- (l) "ilmijiet marini" tfisser ilmijiet marini kif definit fl-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2008/56/KE;
- (m) "ilma tal-wiċċ", "ilma intern", "ilmijiet temporanji" u "ilma tal-kosta" għandu jkollhom l-istess tifsira bħal fil-punti (1), (3), (6) u (7) tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 2000/60/KE⁵²;
- (n) "għestjoni sostenibbli tal-foresti" tfisser l-użu tal-foresti u tal-art tal-foresti ***b'mod u b'rata tali li jippermettulhom iżommu l-bijodiversità, il-produttività, il-kapaċità ta' riġenerazzjoni, il-vitalità u l-potenzjal tagħhom li jissodisfaw, attwalment u fil-futur, il-funzjonijiet ekoloġiċi, ekonomiċi u soċjali rilevanti, f'livell lokali, nazzjonali u dinji, mingħajr ma jikkawżaw dannu lil ekosistemi oħrajn.***

ta' restawr awtonomu għall-ekwilibriju u li tippreserva l-bijodiversità;

- (j) "effiċjenza enerġetika" tfisser l-użu aktar effiċjenti fl-istadji kollha tal-katina tal-enerġija mill-produzzjoni sal-konsum finali;
- (k) "status ambjentali tajjeb" tfisser status ambjentali tajjeb kif definit fl-Artikolu 3(5) tad-Direttiva 2008/56/KE;
- (l) "ilmijiet marini" tfisser ilmijiet marini kif definit fl-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2008/56/KE;
- (m) "ilma tal-wiċċ", "ilma intern", "ilmijiet temporanji" u "ilma tal-kosta" għandu jkollhom l-istess tifsira bħal fil-punti (1), (3), (6) u (7) tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 2000/60/KE⁵²;
- (n) "għestjoni sostenibbli tal-foresti" tfisser l-użu tal-foresti u tal-art tal-foresti ***skont il-leġiżlazzjoni applikabbli.***

^{1a} ***Id-Direttiva 2003/71/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Novembru 2003 dwar il-prospett li għandu jiġi ppubblikat meta titoli jiġu offruti lill-pubbliku jew jiġu ammessi għall-kummerċ u li temenda d-Direttiva 2001/34/KE (ĠU L 345, 31.12.2003, p. 64).***

^{1b} ***Ir-Regolament (UE) 2017/1129 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2017 dwar il-prospett li għandu jiġi ppubblikat meta titoli jiġu offruti lill-pubbliku jew jiġu ammessi għall-kummerċ f'suq regolat, u li jħassar id-Direttiva 2003/71/KE (ĠU L 168, 30.6.2017, p. 12).***

⁴⁹ Ir-Regolament (UE) Nru 525/2013 tal-

⁴⁹ Ir-Regolament (UE) Nru 525/2013 tal-

Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar mekkaniżmu għall-monitoraġġ u r-rapportar ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra u għar-rapportar ta' informazzjoni oħra relatata mat-tibdil fil-klima fil-livelli nazzjonali u tal-Unjoni u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 280/2004/KE (ĠU L 165, 18.6.2013 p. 13).

⁵⁰ Id-Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 dwar l-iskart u li tħassar ċerti Direttivi (ĠU L 312, 22.11.2008, p. 3).

⁵¹ Id-Direttiva 2008/56/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 2008 li tistabbilixxi Qafas għal Azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-Politika tal-Ambjent Marin (Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina) (ĠU L 164, 25.6.2008, p. 19-40).

⁵² Id-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2000 li tistabbilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika tal-ilma (ĠU L 327, 22.12.2000, p. 1).

Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar mekkaniżmu għall-monitoraġġ u r-rapportar ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra u għar-rapportar ta' informazzjoni oħra relatata mat-tibdil fil-klima fil-livelli nazzjonali u tal-Unjoni u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 280/2004/KE (ĠU L 165, 18.6.2013 p. 13).

⁵⁰ Id-Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 dwar l-iskart u li tħassar ċerti Direttivi (ĠU L 312, 22.11.2008, p. 3).

⁵¹ Id-Direttiva 2008/56/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 2008 li tistabbilixxi Qafas għal Azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-Politika tal-Ambjent Marin (Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina) (ĠU L 164, 25.6.2008, p. 19-40).

⁵² Id-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2000 li tistabbilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika tal-ilma (ĠU L 327, 22.12.2000, p. 1).

Emenda 37

Proposta għal regolament Artikolu 3

Test propost mill-Kummissjoni

Artikolu 3

Kriterji għal attivitajiet ekonomiċi ambjentalment sostenibbli

Għall-finijiet tal-istabbiliment tal-livell ta' sostenibbiltà ambjentali ta' investiment, attività ekonomika għandha tkun ambjentalment sostenibbli meta dik l-attività tikkonforma ma' dawn il-kriterji:

(a) l-attività ekonomika tikkontribwixxi sostanzjalment għal wieħed mill-oġettivi

Emenda

Artikolu 3

Kriterji għal attivitajiet ekonomiċi ambjentalment sostenibbli

Għall-finijiet tal-istabbiliment tal-livell ta' sostenibbiltà ambjentali ta' investiment, attività ekonomika għandha tkun ambjentalment sostenibbli meta dik l-attività tikkonforma ma' dawn il-kriterji:

(a) l-attività ekonomika tikkontribwixxi sostanzjalment għal wieħed mill-oġettivi

ambjentali jew aktar stabbiliti fl-Artikolu 5 skont l-Artikoli 6 sa 11;

(b) l-attività ekonomika ma tagħmel ħsara sinifikanti għal ebda objettiv ambjentali stabbilit fl-Artikolu 5 skont l-Artikolu 12;

(c) l-attività ekonomika titwettaq f'konformità mas-salvagwardji minimi stabbiliti fl-Artikolu 13;

(d) l-attività ekonomika tikkonforma mal-kriterji tekniċi ta' skrinjar, meta l-Kummissjoni tkun speċifikathom skont l-Artikoli 6(2), 7(2), 8(2), 9(2), 10(2) u 11(2).

ambjentali jew aktar stabbiliti fl-Artikolu 5 skont l-Artikoli 6 sa 11;

(b) l-attività ekonomika ma tagħmel ħsara sinifikanti għal ebda objettiv ambjentali stabbilit fl-Artikolu 5 skont l-Artikolu 12;

(c) l-attività ekonomika titwettaq f'konformità mas-salvagwardji minimi stabbiliti fl-Artikolu 13;

(d) l-attività ekonomika tikkonforma mal-kriterji tekniċi ta' skrinjar, meta l-Kummissjoni tkun speċifikathom ***abbażi tal-kejl armonizzat tal-impatt tas-sostenibbiltà fil-livelli tal-kumpanija jew tal-pjan li jappartjenu għall-attività ekonomika u*** skont l-Artikoli 6(2), 7(2), 8(2), 9(2), 10(2) u 11(2).

Emenda 38

Proposta għal regolament Artikolu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Artikolu 3a

Kriterji għal attivitajiet ekonomiċi b'impatt ambjentali negattiv sinifikanti

Sal-31 ta' Diċembru 2021, il-Kummissjoni għandha twettaq valutazzjoni tal-impatt dwar il-konsegwenzi tar-reviżjoni ta' dan ir-Regolament biex tespandi l-qafas għal investimenti sostenibbli b'qafas li jintuża biex jiddefinixxi kriterji għal meta u kif attività ekonomika għandha impatt negattiv sinifikanti fuq is-sostenibbiltà.

Emenda 39

Proposta għal regolament

Artikolu 4

Test propost mill-Kummissjoni

Artikolu 4

Użu tal-kriterji għal attivitajiet ekonomiċi ambjentalment sostenibbli

1. L-Istati Membri għandhom japplikaw il-kriterji biex ***jigū determinati attivitajiet ekonomiċi ambjentalment sostenibbli*** stabbiliti fl-Artikolu 3 għall-finijiet ta' kwalunkwe miżura li tistabbilixxi rekwiżiti dwar atturi fis-suq fir-rigward ta' prodotti finanzjarji jew bonds korporattivi ***li huma kummerċjalizzati bħala "ambjentalment sostenibbli"***.
2. Il-parteċipanti fis-swieq finanzjarji li joffru prodotti finanzjarji bħala investimenti ambjentalment sostenibbli, ***jew bħala investimenti li għandhom karatteristiċi simili, għandhom jiżvelaw informazzjoni dwar kif u sa fejn jintużaw il-kriterji għal attivitajiet ambjentalment sostenibbli stabbiliti fl-Artikolu 3 sabiex jiddeterminaw is-sostenibbiltà ambjentali tal-investment***. Meta l-parteċipanti fis-swieq finanzjarji jqisu ***li jenħtieġ*** li attività ekonomika ***li ma tikkonformax mal-kriterji tekniċi ta' skrinjar stabbiliti skont dan ir-Regolament jew li l-kriterji tekniċi ta' skrinjar għadhom ma ġewx stabbiliti għalihom titqies bħala ambjentalment sostenibbli, dawn jistgħu jinfurmaw lill-Kummissjoni***.

Emenda

Artikolu 4

Applikazzjoni tal-kriterji u konformità magħhom biex jigū ddeterminat il-grad ta' sostenibbiltà ambjentali tal-attivitajiet ekonomiċi

1. L-Istati Membri ***u l-Unjoni*** għandhom japplikaw il-kriterji biex ***jigū determinat il-grad ta' sostenibbiltà ambjentali tal-attivitajiet ekonomiċi*** stabbiliti fl-Artikolu 3 għall-finijiet ta' kwalunkwe miżura li tistabbilixxi rekwiżiti ***ta' sostenibbiltà*** dwar atturi fis-suq fir-rigward ta' prodotti finanzjarji jew bonds korporattivi.
2. Il-parteċipanti fis-swieq finanzjarji li joffru prodotti finanzjarji ***jew bonds korporattivi għandhom jiddivulgaw l-informazzjoni rilevanti li tippermettilhom jistabbilixxu jekk il-prodotti li joffru jikkwalifikawx*** bħala investimenti ambjentalment sostenibbli ***skont il-kriterji tal-Artikolu 3***. Meta l-parteċipanti fis-swieq finanzjarji jqisu li attività ekonomika li l-kriterji tekniċi ta' skrinjar għadhom ma ġewx stabbiliti għalihom ***għandha*** titqies bħala ambjentalment sostenibbli, dawn ***għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni. Il-Kummissjoni għandha, jekk ikun xieraq, tinnotifika lill-Pjattaforma dwar il-Finanzi sostenibbli msemmija fl-Artikolu 15 dwar tali talbiet mill-parteċipanti fis-swieq finanzjarji. Il-parteċipanti fis-swieq finanzjarji ma għandhomx joffru prodotti finanzjarji bħala investimenti ambjentalment sostenibbli, jew bħala investimenti li għandhom karatteristiċi simili, jekk daww il-prodotti ma jikkwalifikawx bħala ambjentalment sostenibbli***.
- 2a. ***L-Istati Membri, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-ASE rilevanti, għandhom jimmonitorjaw l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 2. Il-parteċipanti fis-swieq***

finanzjarji għandhom jirrappurtawha lill-awtorità nazzjonali kompetenti rilevanti li għandha tikkomunikaha lill-ASE rilevanti mingħajr dewmien. Kull meta l-awtorità kompetenti nazzjonali rilevanti jew l-ASE rilevanti ma jaqblux mal-informazzjoni rrappurtata kif imsemmi fil-paragrafi 2 u 2a, il-parteciċipanti fis-swieq finanzjarji għandhom jirrevedu u jikkoreġu l-informazzjoni żvelata.

2b. L-iżvelar tal-informazzjoni msemmi fl-Artikolu 4 għandu jkun konsistenti mal-prinċipji ta' informazzjoni ġusta, ċara u mhux qarrieqa inklużi fid-Direttiva (UE) 2014/65/UE u fid-Direttiva (UE) 2016/97/UE u setgħat ta' intervent imsemmija fl-Artikolu 4(2c) konsistenti ma' dawk inklużi fir-Regolament Nru 600/2014.

2c. F'dan ir-Regolament ma għandu jkun meħtieġ l-ebda rekwiżit ta' żvelar skont [PO jekk jogħġbok daħħal referenza għar-Regolament dwar divulgazzjonijiet relatati ma' investimenti sostenibbli u riskji għas-sostenibbiltà u li jemenda d-Direttiva (UE) 2016/2341];

2d. L-impriżi żgħar u mhux kumplessi msemmija fl-Artikolu 2.2b u 2.2c għandhom ikunu soġġetti għal dispożizzjonijiet simplifikati.

3. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti delegati skont l-Artikolu 16 biex tissupplimenta l-paragrafu 2 biex tispeċifika l-informazzjoni mitluba biex tikkonforma ma' **dak il-paragrafu, u tqis il-kriterji** tekniċi ta' skrinjar stabbiliti skont dan ir-Regolament. Din l-informazzjoni għandha tippermetti li l-investituri jidentifikaw:

(a) il-persentaġġ ta' parteciċipazzjonijiet **li jappartjenu għal kumpaniji** li jwettqu attivitajiet ekonomiċi ambjentalment sostenibbli;

3. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti delegati skont l-Artikolu 16 biex tissupplimenta l-paragrafu 2, **2a u 2b** biex tispeċifika l-informazzjoni mitluba biex tikkonforma ma' **dawk il-paragrafi, inkluża lista ta' investimenti li jkollhom karatteristiċi simili bħal investimenti sostenibbli u l-limiti massimi rilevanti tal-kwalifika għall-finijiet tal-paragrafu 2 b'kunsiderazzjoni tad-disponibbiltà tal-informazzjoni rilevanti u l-kriterji** tekniċi ta' skrinjar stabbiliti skont dan ir-Regolament. Din l-informazzjoni għandha tippermetti li l-investituri jidentifikaw:

(a) il-persentaġġ ta' parteciċipazzjonijiet **f'kumpaniji differenti** li jwettqu attivitajiet ekonomiċi ambjentalment sostenibbli;

(b) is-sehem tal-investment li jiffinanzja l-attivitajiet ekonomiċi ambjentalment sostenibbli bħala persentaġġ tal-attivitajiet ekonomiċi kollha.

4. Il-Kummissjoni għandha tadotta l-att delegat skont il-paragrafu 3 sal-31 ta' Diċembru 2019 bil-ħsieb li jiġi żgurat id-dħul fis-seħħ tiegħu sal-1 ta' Lulju 2020. Il-Kummissjoni tista' temenda l-att delegat, b'mod partikolari fid-dawl tal-atti delegati adottati skont l-Artikolu 6(2), l-Artikolu 7(2), l-Artikolu 8(2), l-Artikolu 9(2), l-Artikolu 10(2) u l-Artikolu 11(2).

(b) is-sehem tal-investment li jiffinanzja l-attivitajiet ekonomiċi ambjentalment sostenibbli bħala persentaġġ tal-attivitajiet ekonomiċi kollha.

(ba) id-definizzjonijiet rilevanti ta' impriżi żgħar u mhux kumplessi msemmija fl-Artikolu 2b kif ukoll id-dispożizzjonijiet simplifikati li japplikaw għal dawn l-entitajiet.

3a. Il-parteċipanti fis-swieq finanzjarji għandhom jipubblikaw l-informazzjoni msemmija fil-punti (a) u (b) tal-paragrafu 3.

4. Il-Kummissjoni għandha tadotta l-att delegat skont il-paragrafu 3 sal-31 ta' Diċembru 2019 bil-ħsieb li jiġi żgurat id-dħul fis-seħħ tiegħu sal-1 ta' Lulju 2020. Il-Kummissjoni tista' temenda l-att delegat, b'mod partikolari fid-dawl tal-atti delegati adottati skont l-Artikolu 6(2), l-Artikolu 7(2), l-Artikolu 8(2), l-Artikolu 9(2), l-Artikolu 10(2) u l-Artikolu 11(2).

Emenda 40

Proposta għal regolament Artikolu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Artikolu 4a

Il-monitoraġġ tas-swieq

1. F'konformità mal-Artikolu 9(2) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, ir-Regolament (UE) Nru 1094/2010, ir-Regolament (UE) Nru 1095/2010, l-ASE rilevanti għandha timmonitorja s-suq għall-prodotti finanzjarji msemmija fl-Artikolu 1 ta' dan ir-Regolament, li jiġu kkummerċjalizzati, distribwiti jew mibjugħa fl-Unjoni.

2. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jimmonitorjaw is-suq għal prodotti

finanzjarji li huma kkummerċjalizzati, imqassma jew mibjugħa fl-Istat Membru tagħhom jew minnu.

3. Skont l-Artikolu 9(5) tar-Regolamenti (UE) Nru 1093/2010, Nru 1094/2010, Nru 1095/2010, l-ASE rilevanti tista', fejn ikun hemm ksur ta' dan ir-Regolament mill-entitajiet imsemmija fl-Artikolu 1, tipprojbixxi jew tirrestrinġi temporanjament fl-Unjoni l-kummerċjalizzazzjoni, id-distribuzzjoni jew il-bejgħ tal-prodotti finanzjarji msemmija fl-Artikolu 1;

Projbizzjoni jew restrizzjoni msemmija fl-Artikolu 3 tista' tapplika f'ċirkostanzi, jew tkun soġġetta għal eċċezzjonijiet, speċifikati mill-ASE rilevanti.

4. Meta tiegħu azzjoni skont dan l-Artikolu, l-ASE rilevanti għandha tiżgura li l-azzjoni:

(a) ma jkollhiex effett negattiv fuq l-effiċjenza tas-swieq finanzjarji jew fuq l-investituri li jkun sproporzjonat għall-benefiċċji tal-azzjoni, u

(b) ma' toħloqx riskju ta' arbitraġġ regolatorju;

Meta awtorità kompetenti jew awtoritajiet kompetenti jkunu hađu miżura skont dan l-Artikolu, l-ASE rilevanti tista' tiegħu kwalunkwe miżura msemmija fil-paragrafu 1.

5. Qabel ma tiddeċiedi li tiegħu kwalunkwe azzjoni skont dan l-Artikolu, l-ASE rilevanti għandha tinnofika lill-awtoritajiet kompetenti bl-azzjoni li qed tipproponi.

6. L-ASE rilevanti għandha tirrieżamina projbizzjoni jew restrizzjoni imposta skont il-paragrafu 1 f'intervalli xierqa u tal-inqas kull tliet xhur. Jekk il-projbizzjoni jew ir-restrizzjoni ma tiġġeddidx wara dak il-perjodu ta' tliet xhur, din għandha tiskadi.

7. L-azzjoni adottata mill-ASE rilevanti skont dan l-Artikolu għandha tipprevali fuq kwalunkwe azzjoni

Emenda 41

Proposta għal regolament Artikolu 5

Test propost mill-Kummissjoni

Artikolu 5

Objettivi *ambjentali*

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, dawn għandhom ikunu l-objettivi ambjentali:

- (1) il-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima;
- (2) l-adattament għat-tibdil fil-klima;
- (3) l-użu sostenibbli u l-protezzjoni tal-ilma u r-riżorsi marini;
- (4) it-tranżizzjoni għal ekonomija ċirkolari, *il-prevenzjoni u r-riċiklaġġ* tal-iskart;
- (5) il-prevenzjoni u l-kontroll tat-tniġġis;
- (6) il-protezzjoni tal-ekosistemi b'saħħithom.

Emenda

Artikolu 5

Objettivi *sostenibbli*

1. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, dawn għandhom ikunu l-objettivi ambjentali:

- (1) il-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima;
- (2) l-adattament għat-tibdil fil-klima;
- (3) l-użu sostenibbli u l-protezzjoni tal-ilma u r-riżorsi marini;
- (4) it-tranżizzjoni għal ekonomija ċirkolari, *inklużi l-prevenzjoni* tal-iskart *u ż-żieda tal-użu ta' materji primi sekondarji*;
- (5) il-prevenzjoni u l-kontroll tat-tniġġis;
- (6) il-protezzjoni *tal-bijodiversità u* tal-ekosistemi b'saħħithom, *u r-restawr tal-ekosistemi degradati*.

1a. *L-għanijiet stabbiliti fl-ewwel paragrafu għandhom jitkejlu b'indikaturi armonizzati, analiżi taċ-ċiklu tal-ħajja u kriterji xjentifiċi, u għandhom jiġu ssodisfati biex jiżguraw li jlaħħqu mal-isfidi ambjentali li ġejjin.*

Emendi 42, 66 u 99

Proposta għal regolament

Artikolu 6

Test propost mill-Kummissjoni

Artikolu 6

Kontribuzzjoni sostanzjali għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima

1. Attività ekonomika għandha tqis li tikkontribwixxi b'mod sostanzjali għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima meta dik l-attività tikkontribwixxi b'mod sostanzjali għall-istabbilizzazzjoni tal-konċentrazzjonijiet tal-gassijiet serra fl-atmosfera f'livell li jipprevjeni interferenza antropoġenika perikoluża mas-sistema tal-klima billi tevita jew tnaqqas l-emissjonijiet tal-gassijiet serra jew ittejjeb l-assorbimenti tal-gassijiet serra permezz ta' kwalunkwe waħda minn dawn il-mezzi, inkluż permezz ta' innovazzjoni tal-proċess jew tal-prodott:

(a) il-ġenerazzjoni, il-ħażna jew l-użu ta' enerġija rinnovabbli ***jew enerġija newtrali mil-lat ta' klima (inkluża enerġija newtrali mil-lat ta' karbonju)***, inkluż permezz tal-użu ta' teknoloġija innovattiva li għandha l-potenzjal għal tfaddil ***sinifikanti*** fil-futur jew permezz ta' tisħiħ meħtieġ tal-grilja;

(b) titjib fl-effiċjenza enerġetika;

(c) żieda fil-mobbiltà nadifa jew newtrali mil-lat ta' klima;

(d) il-qlib ***għall-użu*** ta' materjali rinnovabbli;

(e) żieda ***fil-ġbir*** u l-ħżin tad-diossidu tal-karbonju;

Emenda

Artikolu 6

Kontribuzzjoni sostanzjali għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima

1. Attività ekonomika għandha tqis li tikkontribwixxi b'mod sostanzjali għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima meta dik l-attività tikkontribwixxi b'mod sostanzjali għall-istabbilizzazzjoni tal-konċentrazzjonijiet tal-gassijiet serra fl-atmosfera f'livell li jipprevjeni interferenza antropoġenika perikoluża mas-sistema tal-klima billi tevita jew tnaqqas l-emissjonijiet tal-gassijiet serra jew ittejjeb l-assorbimenti tal-gassijiet serra permezz ta' kwalunkwe waħda minn dawn il-mezzi, inkluż permezz ta' innovazzjoni tal-proċess jew tal-prodott:

(a) il-ġenerazzjoni, il-ħażna, ***id-distribuzzjoni*** jew l-użu ta' enerġija rinnovabbli ***f'konformità mad-Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabbli***, inkluż permezz tal-użu ta' teknoloġija innovattiva li għandha l-potenzjal għal tfaddil ***sinifikanti*** fil-futur jew permezz ta' tisħiħ meħtieġ tal-grilja;

(b) titjib fl-effiċjenza enerġetika, ***fis-setturi kollha, minbarra l-ġenerazzjoni tal-enerġija li tuża l-fjuwils fossili solidi, u fl-istadji kollha tal-katina tal-enerġija, sabiex jiġnaqqas il-konsum tal-enerġija primarju u finali***;

(c) żieda fil-mobbiltà nadifa jew newtrali mil-lat ta' klima;

(d) il-qlib ***għal jew l-użu miżjud*** ta' materjali rinnovabbli ***sostenibbli bbażati fuq valutazzjoni sħiħa taċ-ċiklu tal-ħajja u s-sostituzzjoni ta' materjali bbażati fuq il-fossili b'mod partikolari, li fi żmien qasir iwassal għal iffrankar tal-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra***;

(e) żieda ***fl-użu ta' teknoloġiji ambjentalment sikuri tal-ġbir, użu u ħżin***

(f) l-eliminazzoni gradwali ta' emissjonijiet antropoġeniċi ta' gassijiet serra, **inklużi mill-fjuwils fossili;**

(g) l-istabbiliment ta' infrastruttura tal-enerġija mitluba biex tkun permessa d-dekarbonizzazzjoni tas-sistemi tal-enerġija;

(h) il-forniment tal-fjuwils nodfa u effiċjenti minn sorsi rinnovabbli u newtrali mil-lat ta' karbonju.

2. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 16 biex:

(a) tissupplimenta l-paragrafu 1 biex tistabbilixxi l-kriterji tekniċi ta' skrinjar li jiddeterminaw taħt liema kundizzjonijiet jitqies li attività ekonomika speċifika, għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, tikkontribwixxi b'mod sostanzjali għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima;

(b) tissupplimenta l-Artikolu 12 biex tistabbilixxi kriterji tekniċi ta' skrinjar, għal kull objettiv ambjentali rilevanti, biex jiġi determinat jekk attività ekonomika li fir-rigward tagħha jkun stabbiliti kriterji ta' skrinjar skont il-punt (a) ta' dan il-paragrafu, għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, hijiex meqjusa li toħloq ħsara sinifikanti lil wieħed minn dawn l-objettivi jew aktar.

3. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi l-kriterji tekniċi ta' skrinjar **imsemmija** fil-

tal-karbonju (CCU) u tal-ġbir u l-ħżin tad-diossidu tal-karbonju (CCS) li jwasslu għal tnaqqis nett f'emissjonijiet;

(f) l-eliminazzoni gradwali ta' emissjonijiet antropoġeniċi ta' gassijiet serra;

(fa) iż-żieda tat-tneħħija tas-CO₂ mill-atmosfera u l-ħżin tiegħu f'ekosistemi naturali, pereżempju permezz tal-afforestazzjoni, ir-restawr ta' foresti u l-agrikoltura riġenerattiva;

(g) l-istabbiliment ta' infrastruttura tal-enerġija mitluba biex tkun permessa d-dekarbonizzazzjoni tas-sistemi tal-enerġija;

(h) il-forniment tal-fjuwils nodfa u effiċjenti minn sorsi rinnovabbli u newtrali mil-lat ta' karbonju.

2. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 16 biex:

(a) tissupplimenta l-paragrafu 1 biex tistabbilixxi l-kriterji tekniċi ta' skrinjar **ibbażati fuq indikaturi** li jiddeterminaw taħt liema kundizzjonijiet jitqies li attività ekonomika speċifika, għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, tikkontribwixxi b'mod sostanzjali għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima. **Dawk il-kriterji tekniċi ta' skrinjar għandhom jinkludu livelli limiti għall-attivitàjiet ta' mitigazzjoni f'konformità mal-objettiv li jiġi limitat it-tisħin globali għal ferm inqas minn 2 °C u jsiru sforzi biex jiġi limitat għal 1,5 °C 'il fuq mill-livelli preindustrijali, kif stabbilit mill-Ftehim ta' Pariġi;**

(b) tissupplimenta l-Artikolu 12 biex tistabbilixxi kriterji tekniċi ta' skrinjar **ibbażati fuq indikaturi**, għal kull objettiv ambjentali rilevanti, biex jiġi determinat jekk attività ekonomika li fir-rigward tagħha jkun stabbiliti kriterji ta' skrinjar **ibbażati fuq indikaturi** skont il-punt (a) ta' dan il-paragrafu, għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, hijiex meqjusa li toħloq ħsara sinifikanti lil wieħed minn dawn l-objettivi jew aktar.

3. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi l-kriterji tekniċi ta' skrinjar **ibbażati fuq**

paragrafu 2 f'att delegat wieħed, li jqis ir-
rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 14.

4. Il-Kummissjoni għandha tadotta l-att
delegat imsemmi fil-paragrafu 2 sal-
31 ta' Diċembru 2019 bil-ħsieb li jiġi
żgurat id-dħul fis-seħħ tiegħu sal-
1 ta' Lulju 2020.

indikaturi msemmija fil-paragrafu 2 f'att
delegat wieħed, li jqis ir-
rekwiżiti stabbiliti
fl-Artikolu 14.

4. Il-Kummissjoni għandha tadotta l-att
delegat imsemmi fil-paragrafu 2 sal-
31 ta' Diċembru 2019 bil-ħsieb li jiġi
żgurat id-dħul fis-seħħ tiegħu sal-
1 ta' Lulju 2020.

Emenda 43

Proposta għal regolament Artikolu 7

Test propost mill-Kummissjoni

Artikolu 7

Kontribuzzjoni sostanzjali għall-
adattament għat-tibdil fil-klima

1. Attività ekonomika għandha titqies li
tikkontribwixxi b'mod sostanzjali għall-
adattament għat-tibdil fil-klima meta dik l-
attività tikkontribwixxi b'mod sostanzjali
għat-tnaqqis tal-effetti negattivi tal-klima
futura attwali u mistennija jew għall-
prevenzjoni ta' żieda jew ċaqliq ta' effetti
negattivi ta' tibdil fil-klima, permezz ta'
dawn il-mezzi:

(a) il-prevenzjoni jew it-tnaqqis tal-
effetti negattivi speċifiċi għall-post u għall-
kuntast tat-tibdil fil-klima, li għandhom
jiġu vvalutati u prijoritizzati bl-użu tal-
previżjonijiet tal-klima disponibbli, dwar l-
attività ekonomika;

(b) il-prevenzjoni jew it-tnaqqis tal-
effetti negattivi li t-tibdil fil-klima jista'
jkollu għall-ambjent naturali u mibni li fih
isseħħ l-attività ekonomika, li għandhom
jiġi vvalutati u prijoritizzati bl-użu tal-
previżjonijiet tal-klima disponibbli.

2. Il-Kummissjoni għandha tadotta att
delegat f'konformità mal-Artikolu 16 biex:

Emenda

Artikolu 7

Kontribuzzjoni sostanzjali għall-
adattament għat-tibdil fil-klima

1. Attività ekonomika għandha titqies li
tikkontribwixxi b'mod sostanzjali għall-
adattament għat-tibdil fil-klima meta dik l-
attività tikkontribwixxi b'mod sostanzjali
għat-tnaqqis tal-effetti negattivi tal-klima
futura attwali u mistennija jew għall-
prevenzjoni ta' żieda jew ċaqliq ta' effetti
negattivi ta' tibdil fil-klima, permezz ta'
dawn il-mezzi:

(a) il-prevenzjoni jew it-tnaqqis tal-
effetti negattivi speċifiċi għall-post u għall-
kuntast tat-tibdil fil-klima, li għandhom
jiġu vvalutati u prijoritizzati bl-użu tal-
previżjonijiet tal-klima disponibbli, dwar l-
attività ekonomika;

(b) il-prevenzjoni jew it-tnaqqis tal-
effetti negattivi li t-tibdil fil-klima jista'
jkollu għall-ambjent naturali u mibni li fih
isseħħ l-attività ekonomika, li għandhom
jiġi vvalutati u prijoritizzati bl-użu tal-
previżjonijiet tal-klima disponibbli ***u studji
dwar l-impatt tal-bniedem fuq it-tibdil fil-
klima.***

2. Il-Kummissjoni għandha tadotta att
delegat f'konformità mal-Artikolu 16 biex:

(a) tissupplimenta l-paragrafu 1 biex tistabbilixxi l-kriterji tekniċi ta' skrinjar li jiddeterminaw taħt liema kundizzjonijiet jitqies li attivita ekonomika speċifika, għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, tikkontribwixxi b'mod sostanzjali għall-adattament għat-tibdil fil-klima;

(b) tissupplimenta l-Artikolu 12 biex tistabbilixxi kriterji tekniċi ta' skrinjar, għal kull objettiv ambjentali rilevanti, biex jiġi determinat jekk attivita ekonomika li fir-rigward tagħha jkunu stabbiliti kriterji ta' skrinjar skont il-punt (a) ta' dan il-paragrafu, għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, hijiex meqjusa li toħloq ħsara sinifikanti lil wieħed minn dawn l-objettivi jew aktar.

3. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi l-kriterji tekniċi ta' skrinjar **imsemmija** fil-paragrafu 2 flimkien f'att delegat wieħed, li jqis ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 14.

4. Il-Kummissjoni għandha tadotta l-att delegat imsemmi fil-paragrafu 2 sal-31 ta' Diċembru 2019 bil-ħsieb li jiġi żgurat id-dħul fis-seħħ tiegħu sal-1 ta' Lulju 2020.

(a) tissupplimenta l-paragrafu 1 biex tistabbilixxi l-kriterji tekniċi ta' skrinjar **ibbażati fuq indikaturi** li jiddeterminaw taħt liema kundizzjonijiet jitqies li attivita ekonomika speċifika, għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, tikkontribwixxi b'mod sostanzjali għall-adattament għat-tibdil fil-klima;

(b) tissupplimenta l-Artikolu 12 biex tistabbilixxi kriterji tekniċi ta' skrinjar **ibbażati fuq indikaturi**, għal kull objettiv ambjentali rilevanti, biex jiġi determinat jekk attivita ekonomika li fir-rigward tagħha jkunu stabbiliti kriterji ta' skrinjar **ibbażati fuq indikaturi** skont il-punt (a) ta' dan il-paragrafu, għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, hijiex meqjusa li toħloq ħsara sinifikanti lil wieħed minn dawn l-objettivi jew aktar.

3. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi l-kriterji tekniċi ta' skrinjar **ibbażati fuq indikaturi msemmija** fil-paragrafu 2 flimkien f'att delegat wieħed, li jqis ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 14.

4. Il-Kummissjoni għandha tadotta l-att delegat imsemmi fil-paragrafu 2 sal-31 ta' Diċembru 2019 bil-ħsieb li jiġi żgurat id-dħul fis-seħħ tiegħu sal-1 ta' Lulju 2020.

Emenda 44

Proposta għal regolament Artikolu 8

Test propost mill-Kummissjoni

Artikolu 8

Kontribuzzjoni sostanzjali għall-użu sostenibbli u l-protezzjoni tal-ilma u r-riżorsi marini

1. Attivita ekonomika għandha titqies li tikkontribwixxi b'mod sostanzjali għall-użu sostenibbli u l-protezzjoni tal-ilma u **tar-**

Emenda

Artikolu 8

Kontribuzzjoni sostanzjali għall-użu sostenibbli u l-protezzjoni tal-ilma u r-riżorsi marini

1. Attivita ekonomika għandha titqies li tikkontribwixxi b'mod sostanzjali għall-użu sostenibbli u l-protezzjoni **tal-korpi** tal-

riżorsi marini meta dik l-attività tikkontribwixxi b'mod sostanzjali għall-istatus tajjeb tal-ilmijiet, **inkluż l-ilma ħelu, l-ilmijiet temporanji** u l-ilmijiet kostali, jew għall-istatus ambjentali tajjeb tal-ilmijiet marini, permezz ta' kwalunkwe waħda minn dawn il-mezzi:

(a) il-protezzjoni tal-ambjent akkwatiku mill-effetti avversi ta' skariki ta' ilma urban u industrijali mormi billi jiġi żgurat il-ġbir u t-trattament adegwat ta' ilmijiet urbani u industrijali mormija skont l-Artikoli 3, 4, 5 u 11 tad-Direttiva tal-Kunsill 91/271/KEE⁵³;

(b) il-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem mill-effetti avversi ta' kwalunkwe kontaminazzjoni ta' ilma tax-xorb billi jiġi żgurat li jkun ħieles minn kull mikroorganiżmu, parassita u sustanza li tikkostitwixxi periklu potenzjali għas-saħħa tal-bniedem, u li jissodisfa r-rekwiżiti minimi stabbiliti fl-Anness I, il-Partijiet A u B, tad-Direttiva tal-Kunsill 98/83/KE⁵⁴, u jiżdied l-aċċess taċ-ċittadini għall-ilma tax-xorb nadif;

(c) l-astrazzjoni ta' ilma f'konformita mal-oġġettiv ta' status kwantitattiv tajjeb kif definit fit-Tabella 2.1.2 fl-Anness V tad-Direttiva 2000/60/KE;

(d) it-titjib tal-effiċjenza tal-ilma, il-

ilma u **tal-ilmijiet** marini meta dik l-attività tikkontribwixxi b'mod sostanzjali għall-istatus tajjeb tal-ilmijiet, **inklużi l-ilmijiet tal-wiċċ interni, l-estwarji** u l-ilmijiet kostali, jew għall-istatus ambjentali tajjeb tal-ilmijiet marini, **fejn dik l-attività tieħu miżuri xierqa biex tirrestawra, tiproteġi u żżomm id-diversità bijoloġika, il-produttività, ir-reżiljenza, il-valur u s-saħħa globali tal-ekosistema marina, kif ukoll tal-għajxien tal-komunitajiet dipendenti fuqhom**, permezz ta' kwalunkwe waħda minn dawn il-mezzi:

(a) il-protezzjoni tal-ambjent akkwatiku, **inkluż l-ilma għall-għawm (l-ilma tax-xtut u l-ilma baħar)**, mill-effetti avversi ta' skariki ta' ilma urban u industrijali mormi, **inkluż il-plastik**, billi jiġi żgurat il-ġbir u t-trattament adegwat ta' ilmijiet urbani u industrijali mormija skont l-Artikoli 3, 4, 5 u 11 tad-Direttiva tal-Kunsill 91/271/KEE⁵³ **jew skont l-aħjar teknika disponibbli stipulata fid-Direttiva 2010/75/UE**,

(aa) il-protezzjoni tal-ambjent akkwatiku mill-effetti negattivi tal-emissjonijiet u l-iskariki fil-baħar skont il-konvenzjonijiet ibbażati fuq l-OMI bħall-MARPOL, kif ukoll il-konvenzjonijiet mhux koperti mill-MARPOL bħall-Konvenzjoni dwar il-Ġestjoni tal-Ilma tas-Saborra u l-Konvenzjonijiet tal-Ibħra Reġjonali;

(b) il-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem mill-effetti avversi ta' kwalunkwe kontaminazzjoni ta' ilma tax-xorb billi jiġi żgurat li jkun ħieles minn kull mikroorganiżmu, parassita u sustanza li tikkostitwixxi periklu potenzjali għas-saħħa tal-bniedem, u li **jivverifika li** jissodisfa r-rekwiżiti minimi stabbiliti fl-Anness I, il-Partijiet A u B, tad-Direttiva tal-Kunsill 98/83/KE, u jiżdied l-aċċess taċ-ċittadini għall-ilma tax-xorb nadif;

(c) l-astrazzjoni ta' ilma f'konformita mal-oġġettiv ta' status kwantitattiv tajjeb kif definit fit-Tabella 2.1.2 fl-Anness V tad-Direttiva 2000/60/KE;

(d) it-titjib **tal-immaniġġjar** u tal-

faċilitazzjoni tal-użu mill-ġdid tal-ilma, u kull attività oħra li tipproteġi jew ittejjeb il-kwalità tal-korpi tal-ilma tal-Unjoni skont id-Direttiva 2000/60/KE;

(e) l-iżgurar tal-użu sostenibbli tas-servizzi tal-ekosistema marina jew il-kontribuzzjoni għall-istatus ambjentali tajjeb tal-ilmijiet marini, kif determinat abbażi tad-deskrizzjoni kwalitativi stabbiliti fl-Anness I tad-Direttiva 2008/56/KE u kif speċifikat ulterjorment fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/848⁵⁵.

2. Il-Kummissjoni għandha tadotta att delegat f'konformità mal-Artikolu 16 biex:

(a) tissupplimenta l-paragrafu 1 biex tistabbilixxi l-kriterji tekniċi ta' skrinjar li jiddeterminaw taħt liema kundizzjonijiet jitqies li attività ekonomika speċifika, għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, tikkontribwixxi b'mod sostanzjali għall-użu sostenibbli u għall-protezzjoni tal-ilma u tar-riżorsi marini;

(b) tissupplimenta l-Artikolu 12 biex tistabbilixxi kriterji tekniċi ta' skrinjar, għal kull objettiv ambjentali rilevanti, biex jiġi determinat jekk attività ekonomika li fir-rigward tagħha jkunu stabbiliti kriterji ta' skrinjar skont il-punt (a) ta' dan il-paragrafu, għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, hijiex meqjusa li toħloq ħsara sinifikanti lil wieħed minn dawn l-objettivi jew aktar.

3. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi l-kriterji tekniċi ta' skrinjar imsemmija fil-paragrafu 2 flimkien f'att delegat wieħed, u tqis ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 14.

4. Il-Kummissjoni għandha tadotta l-att delegat imsemmi fil-paragrafu 2 sal-1 ta' Lulju 2022, bil-ħsieb li jiġi żgurat id-dħul fis-seħħ tiegħu sal-31 ta' Diċembru 2022.

⁵³ Id-Direttiva tal-Kunsill 91/271/KEE tal-21 ta' Mejju 1991 dwar it-trattament tal-

effiċjenza tal-ilma, il-faċilitazzjoni tal-użu mill-ġdid tal-ilma, **is-sistemi tal-immaniġġjar tal-ilma tax-xita** u kull attività oħra li tipproteġi jew ittejjeb il-kwalità **u l-kwantità** tal-korpi tal-ilma tal-Unjoni skont id-Direttiva 2000/60/KE;

(e) l-iżgurar tal-użu sostenibbli tas-servizzi tal-ekosistema marina jew il-kontribuzzjoni għall-istatus ambjentali tajjeb tal-ilmijiet marini, kif determinat abbażi tad-deskrizzjoni kwalitativi stabbiliti fl-Anness I tad-Direttiva 2008/56/KE u kif speċifikat ulterjorment fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/848⁵⁵.

2. Il-Kummissjoni għandha tadotta att delegat f'konformità mal-Artikolu 16 biex:

(a) tissupplimenta l-paragrafu 1 biex tistabbilixxi l-kriterji tekniċi ta' skrinjar **ibbażati fuq indikaturi** li jiddeterminaw taħt liema kundizzjonijiet jitqies li attività ekonomika speċifika, għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, tikkontribwixxi b'mod sostanzjali għall-użu sostenibbli u għall-protezzjoni tal-ilma u tar-riżorsi marini;

(b) tissupplimenta l-Artikolu 12 biex tistabbilixxi kriterji tekniċi ta' skrinjar **ibbażati fuq indikaturi**, għal kull objettiv ambjentali rilevanti, biex jiġi determinat jekk attività ekonomika li fir-rigward tagħha jkunu stabbiliti kriterji ta' skrinjar **ibbażati fuq indikaturi** skont il-punt (a) ta' dan il-paragrafu, għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, hijiex meqjusa li toħloq ħsara sinifikanti lil wieħed minn dawn l-objettivi jew aktar.

3. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi l-kriterji tekniċi ta' skrinjar imsemmija fil-paragrafu 2 flimkien f'att delegat wieħed, u tqis ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 14.

4. Il-Kummissjoni għandha tadotta l-att delegat imsemmi fil-paragrafu 2 sal-1 ta' Lulju 2022, bil-ħsieb li jiġi żgurat id-dħul fis-seħħ tiegħu sal-31 ta' Diċembru 2022.

⁵³ Id-Direttiva tal-Kunsill 91/271/KEE tal-21 ta' Mejju 1991 dwar it-trattament tal-

ilma urban mormi (ĠU L 135, 30.5.1991, p. 40).

⁵⁴ Id-Direttiva tal-Kunsill 98/83/KE tat-3 ta' Novembru 1998 dwar il-kwalità tal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem (ĠU L 330, 5.12.1998, p. 32).

⁵⁵ Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/848 tas-17 ta' Mejju 2017 li tistabbilixxi kriterji u standards metodoloġiċi ta' status ambjentali tajjeb tal-ilmijiet tal-baħar, kif ukoll speċifikazzjonijiet u metodi standardizzati għall-monitoraġġ u l-valutazzjoni, u li tħassar id-Deċiżjoni 2010/477/UE (ĠU L 125, 18.5.2017, p. 43.)

ilma urban mormi (ĠU L 135, 30.5.1991, p. 40).

⁵⁴ Id-Direttiva tal-Kunsill 98/83/KE tat-3 ta' Novembru 1998 dwar il-kwalità tal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem (ĠU L 330, 5.12.1998, p. 32).

⁵⁵ Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/848 tas-17 ta' Mejju 2017 li tistabbilixxi kriterji u standards metodoloġiċi ta' status ambjentali tajjeb tal-ilmijiet tal-baħar, kif ukoll speċifikazzjonijiet u metodi standardizzati għall-monitoraġġ u l-valutazzjoni, u li tħassar id-Deċiżjoni 2010/477/UE (ĠU L 125, 18.5.2017, p. 43.)

Emenda 45

Proposta għal regolament Artikolu 9

Test propost mill-Kummissjoni

Artikolu 9

Kontribuzzjoni sostanzjali għall-ekonomija ċirkolari **u għall-prevenzjoni u r-riċiklaġġ** tal-iskart

1. Attività ekonomika għandha titqies li tikkontribwixxi b'mod sostanzjali għat-tranżizzjoni għal ekonomija ċirkolari **u għall-prevenzjoni** u r-riċiklaġġ tal-iskart meta dik l-attività tikkontribwixxi b'mod sostanzjali għal dak l-objettiv ambjentali permezz ta' kwalunkwe waħda minn dawn il-mezzi:

(a) it-titjib tal-użu effiċjenti ta' materji primi prodotti, inkluż permezz tat-tnaqqis tal-użu ta' materji primi primarji u ż-żieda

Emenda

Artikolu 9

Kontribuzzjoni sostanzjali għall-ekonomija ċirkolari, **inkluża l-prevenzjoni** tal-iskart **u għaż-żieda fl-użu tal-materji primi sekondarji**

1. Attività ekonomika għandha titqies li tikkontribwixxi b'mod sostanzjali għat-tranżizzjoni għal ekonomija ċirkolari, **inklużi l-prevenzjoni, l-użu mill-ġdid** u r-riċiklaġġ tal-iskart, **li tinkludi ċ-ċiklu tal-ħajja kollu ta' prodott jew l-attività ekonomika fi stadji differenti tal-produzzjoni, il-konsum u t-tmiem tal-ħajja**, meta dik l-attività, **f'konformità mal-acquis tal-UE**, tikkontribwixxi b'mod sostanzjali għal dak l-objettiv ambjentali permezz ta' kwalunkwe waħda minn dawn il-mezzi:

(a) it-titjib tal-użu effiċjenti ta' materji primi **u riżorsi** prodotti, inkluż permezz tat-tnaqqis tal-użu ta' materji primi primarji u

fl-użu ta' prodotti sekondarji u *l-iskart*;

(b) *iż-żieda fid-durabbiltà, fil-kapaċità ta' tiswija, ta' aġġornament jew ta' użu mill-ġdid* tal-prodotti;

(c) *iż-żieda* fil-kapaċità ta' riċiklaġġ tal-prodotti, inkluż ta' materjali individwali inklużi fil-prodotti, fost l-oħrajn permezz ta' sostituzzjoni jew tnaqqis fl-użu ta' prodotti u materjali li mhumiex riċiklabbli;

(d) it-tnaqqis fil-kontenut ta' sustanzi perikolużi fil-materjali u fil-prodotti;

(e) l-estensjoni tal-użu ta' prodotti inkluż permezz taż-żieda fl-użu mill-ġdid, fil-manifattura mill-ġdid, fl-aġġornament, fit-tiswija u fil-kondiviżjoni ta' prodotti mill-konsumaturi;

(f) iż-żieda fl-użu ta' materji primi sekondarji u l-kwalità tagħhom, inkluż permezz ta' riċiklaġġ tal-iskart ta' kwalità għolja;

(g) it-tnaqqis ta' ġenerazzjoni tal-iskart;

(h) iż-żieda fit-tħejjija għal użu mill-ġdid u riċiklaġġ tal-iskart;

ż-żieda fl-użu ta' prodotti sekondarji u *materji primi sekondarji, b'tali mod li jiġu appoġġjat it-tmiem ta' operazzjonijiet tal-iskart*;

(b) *id-disinn, il-manifattura u ż-żieda fl-użu* tal-prodotti *li huma effiċjenti fl-użu tar-riżorsi, durabbli (inkluż f'termini ta' tul il-ħajja u n-nuqqas ta' obsolexxenza programmata), li jistgħu jissewwew, jerġgħu jintużaw u jittejbu*;

(c) *id-disinn ta' prodotti li ġejjin mill-iskart u ż-żieda* fil-kapaċità *tal-użu mill-ġdid u* ta' riċiklaġġ tal-prodotti, inkluż ta' materjali individwali inklużi fil-prodotti, fost l-oħrajn permezz ta' sostituzzjoni jew tnaqqis fl-użu ta' prodotti u materjali li mhumiex riċiklabbli;

(d) it-tnaqqis fil-kontenut ta' sustanzi perikolużi *u s-sostituzzjoni ta' sustanzi ta' tħassib serju ħafna* fil-materjali u fil-prodotti, *f'konformità mar-rekwiżiti legali armonizzati stabbiliti fil-livell tal-Unjoni, partikolarment, mad-dispożizzjonijiet stabbiliti mil-leġiżlazzjoni tal-UE li tiżgura ġestjoni sikura tas-sustanzi, il-materjali u l-prodotti u l-iskart*;

(e) l-estensjoni tal-użu ta' prodotti inkluż permezz taż-żieda fl-użu mill-ġdid, fil-manifattura mill-ġdid, fl-aġġornament, fit-tiswija u fil-kondiviżjoni ta' prodotti mill-konsumaturi;

(f) iż-żieda fl-użu ta' materji primi sekondarji u l-kwalità tagħhom, inkluż permezz ta' riċiklaġġ tal-iskart ta' kwalità għolja;

(g) it-tnaqqis ta' ġenerazzjoni tal-iskart *inkluż ġenerazzjoni ta' skart fi proċessi relatati mal-produzzjoni industrijali, l-estrazzjoni ta' minerali, il-manifattura, il-kostruzzjoni u d-demolizzjoni*;

(h) iż-żieda fit-tħejjija għal użu mill-ġdid u riċiklaġġ tal-iskart *skont il-ġerarkija tal-iskart*;

(ħa) iż-żieda fl-iżvilupp tal-infrastruttura tal-immaniġġjar tal-iskart meħtieġa għall-prevenzjoni, l-użu mill-ġdid u r-riċiklaġġ;

(i) l-evitar ta' inċinerazzjoni **u** rimi tal-iskart;

(j) l-evitar u t-tindif ta' żibel u tniġġis ieħor ikkawżat minn immaniġġjar ħażin tal-iskart;

(k) l-użu effiċjenti ta' riżorsi naturali tal-enerġija.

2. Il-Kummissjoni għandha tadotta att delegat f'konformità mal-Artikolu 16 biex:

(a) tissupplimenta l-paragrafu 1 biex tistabbilixxi l-kriterji tekniċi ta' skrinjar li jiddeterminaw taħt liema kundizzjonijiet jitqies li attività ekonomika speċifika, għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, tikkontribwixxi b'mod sostanzjali għall-ekonomija ċirkolari u għall-prevenzjoni u r-riċiklaġġ tal-iskart;

(b) tissupplimenta l-Artikolu 12 biex tistabbilixxi kriterji tekniċi ta' skrinjar, għal kull objettiv ambjentali rilevanti, biex jiġi determinat jekk attività ekonomika li fir-rigward tagħha jkunu stabbiliti kriterji ta' skrinjar skont il-punt (a) ta' dan il-paragrafu, għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, hijiex meqjusa li toħloq ħsara sinifikanti lil wieħed minn dawn l-objettivi jew aktar.

3. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi l-kriterji tekniċi ta' skrinjar **imsemmija** fil-paragrafu 2 flimkien f'att delegat wieħed, li

(i) l-evitar ta' inċinerazzjoni, rimi **u rimi f'landfill** tal-iskart **skont il-ġerarkija tal-iskart**;

(j) l-evitar, **it-tnaqqis** u t-tindif ta' żibel u tniġġis ieħor **inklużi l-prevenzjoni u t-tnaqqis tal-iskart marin**, ikkawżat minn immaniġġjar ħażin tal-iskart;

(ja) it-tnaqqis tal-ġenerazzjoni tal-iskart tal-ikel fil-produzzjoni primarja, fl-ipproċessar u fil-manifatturar, fil-bejgħ bl-imnut u f'mezzi oħra ta' distribuzzjoni tal-ikel, f'restorants u servizzi tal-ikel kif ukoll fid-djar;

(k) l-użu effiċjenti ta' riżorsi naturali tal-enerġija, **materji primi, ilma u art;**

(ka) it-trawwim tal-bijoekonomija permezz tal-użu sostenibbli ta' sorsi rinnovabbli għall-produzzjoni ta' materjali u komoditajiet.

2. Il-Kummissjoni għandha tadotta att delegat f'konformità mal-Artikolu 16 biex:

(a) tissupplimenta l-paragrafu 1 biex tistabbilixxi l-kriterji tekniċi ta' skrinjar, **ibbażati fuq l-indikaturi tal-ekonomija ċirkolari tal-Kummissjoni**, li jiddeterminaw taħt liema kundizzjonijiet jitqies li attività ekonomika speċifika, għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, tikkontribwixxi b'mod sostanzjali għall-ekonomija ċirkolari u għall-prevenzjoni u r-riċiklaġġ tal-iskart;

(b) tissupplimenta l-Artikolu 12 biex tistabbilixxi kriterji tekniċi ta' skrinjar, **ibbażati fuq l-indikaturi tal-ekonomija ċirkolari tal-Kummissjoni**, għal kull objettiv ambjentali rilevanti, biex jiġi determinat jekk attività ekonomika li fir-rigward tagħha jkunu stabbiliti kriterji ta' skrinjar skont il-punt (a) ta' dan il-paragrafu, għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, hijiex meqjusa li toħloq ħsara sinifikanti lil wieħed minn dawn l-objettivi jew aktar.

3. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi l-kriterji tekniċi ta' skrinjar **ibbażati fuq l-indikaturi tal-ekonomija ċirkolari tal-Kummissjoni msemmija** fil-paragrafu 2

jqis ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 14.

4. Il-Kummissjoni għandha tadotta l-att delegat imsemmi fil-paragrafu 2 sal-1 ta' Lulju 2021, bil-ħsieb li tiżgura li d-dħul fis-seħħ tiegħu fil-31 ta' Diċembru 2021.

flimkien f'att delegat wieħed, li jqis ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 14.

4. Il-Kummissjoni għandha tadotta l-att delegat imsemmi fil-paragrafu 2 sal-1 ta' Lulju 2021, bil-ħsieb li tiżgura li d-dħul fis-seħħ tiegħu fil-31 ta' Diċembru 2021.

Emenda 46

Proposta għal regolament Artikolu 10

Test propost mill-Kummissjoni

Artikolu 10

Kontribuzzjoni sostanzjali għall-prevenzjoni u l-kontroll tat-tniġġis

1. Attività ekonomika għandha titqies li tikkontribwixxi b'mod sostanzjali għall-prevenzjoni u l-kontroll tat-tniġġis meta dik l-attività tikkontribwixxi għal **livell għoli ta'** protezzjoni ambjentali mit-tniġġis permezz ta' kwalunkwe waħda minn dawn il-mezzi:

(a) it-tnaqqis tal-emissjonijiet inkwinanti tal-ilma u tal-ħamrija għajr gassijiet serra;

(b) it-titjib tal-livelli tal-kwalità tal-arja, tal-ilma jew tal-ħamrija fiż-żoni li fihom isseħħ l-attività ekonomika filwaqt li jiġu minimizzati l-impatti negattivi fuq is-saħħa tal-bniedem u l-ambjent, u r-riskji għalihom;

(c) il-minimizzazzjoni tal-effetti avversi fuq is-saħħa tal-bniedem u l-ambjent tal-produzzjoni u l-użu tal-prodotti kimiċi.

2. Il-Kummissjoni għandha tadotta att delegat f'konformità mal-Artikolu 16 biex:

(a) tissupplimenta l-paragrafu 1 biex tistabbilixxi l-kriterji tekniċi ta' skrinjar li jiddeterminaw taħt liema kundizzjonijiet jitqies li attività ekonomika speċifika, għall-finijiet ta' dan ir-Regolament,

Emenda

Artikolu 10

Kontribuzzjoni sostanzjali għall-prevenzjoni u l-kontroll tat-tniġġis

1. Attività ekonomika għandha titqies li tikkontribwixxi b'mod sostanzjali għall-prevenzjoni u l-kontroll tat-tniġġis meta dik l-attività tikkontribwixxi **b'mod sostanzjali** għal protezzjoni ambjentali mit-tniġġis permezz ta' kwalunkwe waħda minn dawn il-mezzi:

(a) it-tnaqqis tal-emissjonijiet inkwinanti tal-ilma u tal-ħamrija għajr gassijiet serra;

(b) it-titjib tal-livelli tal-kwalità tal-arja, tal-ilma jew tal-ħamrija fiż-żoni li fihom isseħħ l-attività ekonomika filwaqt li jiġu minimizzati l-impatti negattivi fuq is-saħħa tal-bniedem u l-ambjent, u r-riskji għalihom;

(c) il-minimizzazzjoni tal-effetti avversi fuq is-saħħa tal-bniedem u l-ambjent tal-produzzjoni u l-użu tal-prodotti kimiċi.

2. Il-Kummissjoni għandha tadotta att delegat f'konformità mal-Artikolu 16 biex:

(a) tissupplimenta l-paragrafu 1 biex tistabbilixxi l-kriterji tekniċi ta' skrinjar **ibbażati fuq indikaturi** li jiddeterminaw taħt liema kundizzjonijiet jitqies li attività ekonomika speċifika, għall-finijiet ta' dan

tikkontribwixxi b'mod sostanzjali għall-prevenzjoni u l-kontroll tat-tniġġis;

(b) tissupplimenta l-Artikolu 12 biex tistabbilixxi kriterji tekniċi ta' skrinjar, għal kull objettiv ambjentali rilevanti, biex jiġi determinat jekk attività ekonomika li fir-rigward tagħha jkunu stabbiliti kriterji ta' skrinjar skont il-punt (a) ta' dan il-paragrafu, għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, hijiex meqjusa li toħloq ħsara sinifikanti lil wieħed minn dawn l-objettivi jew aktar.

3. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi l-kriterji tekniċi ta' skrinjar imsemmija fil-paragrafu 2 flimkien f'att delegat wieħed, li jqis ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 14.

4. Il-Kummissjoni għandha tadotta l-att delegat imsemmi fil-paragrafu 2 sal-1 ta' Lulju 2021, bil-ħsieb li tiżgura li d-dħul fis-seħħ tiegħu fil-31 ta' Diċembru 2021.

ir-Regolament, tikkontribwixxi b'mod sostanzjali għall-prevenzjoni u l-kontroll tat-tniġġis;

(b) tissupplimenta l-Artikolu 12 biex tistabbilixxi kriterji tekniċi ta' skrinjar ***ibbażati fuq indikaturi***, għal kull objettiv ambjentali rilevanti, biex jiġi determinat jekk attività ekonomika li fir-rigward tagħha jkunu stabbiliti kriterji ta' skrinjar skont il-punt (a) ta' dan il-paragrafu, għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, hijiex meqjusa li toħloq ħsara sinifikanti lil wieħed minn dawn l-objettivi jew aktar.

3. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi l-kriterji tekniċi ta' skrinjar imsemmija fil-paragrafu 2 flimkien f'att delegat wieħed, li jqis ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 14.

4. Il-Kummissjoni għandha tadotta l-att delegat imsemmi fil-paragrafu 2 sal-1 ta' Lulju 2021, bil-ħsieb li tiżgura li d-dħul fis-seħħ tiegħu fil-31 ta' Diċembru 2021.

Emenda 47

Proposta għal regolament Artikolu 11

Test propost mill-Kummissjoni

Artikolu 11

Kontribuzzjoni sostanzjali għall-protezzjoni tal-ekosistemi b'saħħithom

1. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, attività ekonomika għandha titqies li tikkontribwixxi b'mod sostanzjali ***għal ekosistemi*** b'saħħithom meta dik l-attività tikkontribwixxi b'mod sostanzjali għall-protezzjoni, għall-konservazzjoni u għat-titjib tas-servizzi tal-bijodiversità u tal-ekosistema f'konformità mal-istrumenti leġiżlattivi u mhux leġiżlattivi tal-Unjoni

Emenda

Artikolu 11

Kontribuzzjoni sostanzjali għall-protezzjoni ***tal-bijodiversità u*** tal-ekosistemi b'saħħithom ***jew għar-restawr tal-ekosistemi degradati***

1. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, attività ekonomika għandha titqies li tikkontribwixxi b'mod sostanzjali ***għall-bijodiversità u l-ekosistemi*** b'saħħithom ***jew ir-restawr ta' ekosistemi degradati*** meta dik l-attività tikkontribwixxi b'mod sostanzjali għall-protezzjoni, għall-konservazzjoni u għat-titjib ***jew għar-restawr*** tas-servizzi tal-bijodiversità u tal-

rilevanti, permezz ta' kwalunkwe waħda minn dawn il-mezzi:

- (a) **il-konservazzjoni** tan-natura (ħabitati, speċji); **il-protezzjoni**, ir-restawr u t-titjib tal-kundizzjoni tal-ekosistemi u l-kapaċità tagħhom li jipprovdu servizzi;
- (b) il-ġestjoni sostenibbli tal-art, inkluża l-protezzjoni adegwata tal-bijodiversità tal-ħamrija; in-newtralità tad-degradazzjoni tal-art; u r-rimedju tas-siti kontaminati;
- (c) prattiki agrikoli sostenibbli, inklużi dawk li jikkontribwixxu għall-waqfien jew għall-prevenzjoni tad-deforestazzjoni u t-telf tal-ħabitati;
- (d) il-ġestjoni sostenibbli tal-foresti.

2. Il-Kummissjoni għandha tadotta att delegat f'konformità mal-Artikolu 16 biex:

- (a) tissupplimenta l-paragrafu 1 biex tistabbilixxi l-kriterji tekniċi ta' skrinjar li jiddeterminaw taħt liema kundizzjonijiet jitqies li attività ekonomika speċifika, għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, tikkontribwixxi b'mod sostanzjali għall-protezzjoni ta' ekosistemi b'saħħithom;
- (b) tissupplimenta l-Artikolu 12 biex tistabbilixxi kriterji tekniċi ta' skrinjar, għal kull objettiv ambjentali rilevanti, biex jiġi determinat jekk attività ekonomika li fir-rigward tagħha jkun stabbiliti kriterji ta'

ekosistema f'konformità mal-istrumenti leġiżlattivi u mhux leġiżlattivi tal-Unjoni rilevanti, permezz ta' kwalunkwe waħda minn dawn il-mezzi:

- (a) **miżuri ta' konservazzjoni** tan-natura **biex iżommu jew jirrestawraw** ħabitati u speċji **ta' fawna u flora selvaġġi fi stat ta' konservazzjoni favorevoli biex jilħqu popolazzjonijiet adegwati ta' speċji li jseħħu naturalment u miżuri għall-protezzjoni**, ir-restawr u t-titjib tal-kundizzjoni tal-ekosistemi u l-kapaċità tagħhom li jipprovdu servizzi;
- (b) il-ġestjoni sostenibbli tal-art, inkluża l-protezzjoni adegwata tal-bijodiversità tal-ħamrija; in-newtralità tad-degradazzjoni tal-art; u r-rimedju tas-siti kontaminati;
- (c) prattiki agrikoli sostenibbli, inklużi dawk li jikkontribwixxu għall-waqfien jew għall-prevenzjoni tad-deforestazzjoni u t-telf tal-ħabitati;
- (d) il-ġestjoni sostenibbli tal-foresti, **b'kunsiderazzjoni tar-Regolament tal-UE dwar l-Injam, ir-Regolament LULUCF tal-UE, id-Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabbli (RED) tal-UE u l-leġiżlazzjoni nazzjonali applikabbli, li hija konformi ma' dawn u l-konklużjonijiet tal-Konferenza Ministerjali dwar il-Protezzjoni tal-Foresti fl-Ewropa (MCPFE).**

2. Il-Kummissjoni għandha tadotta att delegat f'konformità mal-Artikolu 16 biex:

- (a) tissupplimenta l-paragrafu 1 biex tistabbilixxi l-kriterji tekniċi ta' skrinjar **ibbażati fuq indikaturi** li jiddeterminaw taħt liema kundizzjonijiet jitqies li attività ekonomika speċifika, għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, tikkontribwixxi b'mod sostanzjali għall-protezzjoni ta' **bijodiversità u ekosistemi b'saħħithom jew għar-restawr ta' ekosistemi degradati**;
- (b) tissupplimenta l-Artikolu 12 biex tistabbilixxi kriterji tekniċi ta' skrinjar **ibbażati fuq indikaturi**, għal kull objettiv ambjentali rilevanti, biex jiġi determinat jekk attività ekonomika li fir-rigward

skrinjar skont il-punt (a) ta' dan il-paragrafu, għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, hijiex meqjusa li toħloq ħsara sinifikanti lil wieħed minn dawn l-oġġettivi jew aktar.

3. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi l-kriterji tekniċi ta' skrinjar imsemmija fil-paragrafu 2 flimkien f'att delegat wieħed, li jqis ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 14.

4. Il-Kummissjoni għandha tadotta l-att delegat imsemmi fil-paragrafu 2 sal-1 ta' Lulju 2022, bil-ħsieb li jiġi żgurat id-dħul fis-seħħ tiegħu sal-31 ta' Diċembru 2022.

tagħha jkunu stabbiliti kriterji ta' skrinjar **ibbażati fuq indikaturi** skont il-punt (a) ta' dan il-paragrafu, għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, hijiex meqjusa li toħloq ħsara sinifikanti lil wieħed minn dawn l-oġġettivi jew aktar.

3. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi l-kriterji tekniċi ta' skrinjar imsemmija fil-paragrafu 2 flimkien f'att delegat wieħed, li jqis ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 14.

4. Il-Kummissjoni għandha tadotta l-att delegat imsemmi fil-paragrafu 2 sal-1 ta' Lulju 2022, bil-ħsieb li jiġi żgurat id-dħul fis-seħħ tiegħu sal-31 ta' Diċembru 2022.

Emendi 48 u 101

Proposta għal regolament Artikolu 12

Test propost mill-Kummissjoni

Artikolu 12

Ħsara sinifikanti għall-oġġettivi ambjentali
Għall-finijiet tal-Artikolu 3(b), attività ekonomika għandha titqies li tagħmel ħsara sinifikanti għal:

- (a) il-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima, meta dik l-attività twassal għal emissjonijiet sinifikanti tal-gassijiet serra;
- (b) l-adattament għat-tibdil fil-klima, meta dik l-attività twassal għal żieda fl-effett negattiv tal-klima attwali u mistennija, għall-ambjent naturali u mibni u lil hinn minnu li fih isseħħ l-attività;
- (c) l-użu sostenibbli u l-protezzjoni tal-ilma u tar-riżorsi marini, meta dik l-attività tkun ta' detriment sa punt sinifikanti għall-istatus tajjeb tal-ilmijiet tal-Unjoni, inklużi l-ilma ħelu, l-ilmijiet temporanji u l-ilmijiet kostali, jew għall-istatus ambjentali tajjeb

Emenda

Artikolu 12

Ħsara sinifikanti għall-oġġettivi ambjentali

1. Għall-finijiet tal-Artikoli 3(b) **u 3a, b'kunsiderazzjoni taċ-ċiklu kollu tal-ħajja tagħha**, attività ekonomika għandha titqies li tagħmel ħsara sinifikanti għal:

- (a) il-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima, meta dik l-attività twassal għal emissjonijiet sinifikanti tal-gassijiet serra;
- (b) l-adattament għat-tibdil fil-klima, meta dik l-attività twassal għal żieda fl-effett negattiv tal-klima attwali u mistennija, għall-ambjent naturali u mibni u lil hinn minnu li fih isseħħ l-attività;
- (c) l-użu sostenibbli u l-protezzjoni tal-ilma u tar-riżorsi marini, meta dik l-attività tkun ta' detriment sa punt sinifikanti għall-istatus tajjeb tal-ilmijiet tal-Unjoni, inklużi l-ilma ħelu, l-ilmijiet temporanji u l-ilmijiet kostali, jew għall-istatus ambjentali tajjeb tal-ilmijiet marini tal-Unjoni, **f'konformità**

tal-ilmijiet marini tal-Unjoni;

(d) l-ekonomija ċirkolari u l-prevenzjoni u r-riċiklaġġ tal-iskart, meta dik l-attività twassal għal ineffiċjenzi sinifikanti fl-użu ta' materjali **f'wieħed mill-istadji** taċ-ċiklu tal-ħajja tal-prodotti **jew aktar**, inkluż f'termini tad-durabbiltà, il-kapaċità ta' tiswija, ta' aġġornament, ta' użu mill-ġdid jew ta' riċiklaġġ ta' prodotti; jew meta dik l-attività twassal għal żieda sinifikanti fil-ġenerazzjoni, fl-inċinerazzjoni jew fir-rimi tal-iskart;

(e) il-prevenzjoni u l-kontroll tat-tniġġis meta dik l-attività twassal għal żieda sinifikanti fl-emissjonijiet ta' inkwinanti għall-arja, għall-ilma u għall-art, meta mqabbla mas-sitwazzjoni qabel ma tkun bdiet din l-attività;

(f) l-ekosistemi b'saħħithom, meta dik l-attività tkun ta' detriment sa punt sinifikanti għall-kundizzjoni tajba tal-ekosistemi.

mad-Direttivi 2000/60/KE u 2008/56/KE li tistabbilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika tal-ilma;

(d) l-ekonomija ċirkolari u l-prevenzjoni u r-riċiklaġġ tal-iskart, meta dik l-attività twassal għal ineffiċjenzi sinifikanti fl-użu ta' materjali **u riżorsi, bħall-enerġija mhux rinnovabbli, il-materji primi, l-ilma u l-art, direttament jew indirettament fi stadji differenti** taċ-ċiklu tal-ħajja tal-prodotti **inklużi l-ineffiċjenzi relatati mal-karatteristiċi ddisinjati li jillimitaw il-ħajja tal-prodotti** u inkluż f'termini tad-durabbiltà, il-kapaċità ta' tiswija, ta' aġġornament, ta' użu mill-ġdid jew ta' riċiklaġġ ta' prodotti; jew meta dik l-attività twassal għal żieda sinifikanti fil-ġenerazzjoni, fl-inċinerazzjoni jew fir-rimi tal-iskart;

(e) il-prevenzjoni u l-kontroll tat-tniġġis meta dik l-attività twassal għal żieda sinifikanti fl-emissjonijiet ta' inkwinanti għall-arja, għall-ilma u għall-art, meta mqabbla mas-sitwazzjoni qabel ma tkun bdiet din l-attività;

(f) l-ekosistemi b'saħħithom, meta dik l-attività tkun ta' detriment sa punt sinifikanti għall-kundizzjoni tajba **u r-reżiljenza** tal-ekosistemi, **inklużi l-bijodiversità u l-użu tal-art.**

2. Meta tiġi vvalutata attività ekonomika skont il-kriterji (a) sa (f), għandhom jitqiesu l-impatti ambjentali tal-attività nnifisha, kif ukoll tal-prodotti u s-servizzi pprovduti minn dik l-attività tul iċ-ċiklu kollu tal-ħajja tagħhom u, jekk ikun meħtieġ, tul il-katina tal-valur.

Emendai 49, 70, 72 u 93

**Proposta għal regolament
Artikolu 13**

Artikolu 13

Artikolu 13

Salvagwardji minimi

Salvagwardji minimi

Is-salvagwardji minimi msemija fl-Artikolu 3(c) għandhom ikunu proċeduri implimentati mill-impriża li tkun qed twettaq attivita ekonomika biex tiżgura li jiġu osservati l-prinċipji u d-drittijiet stabbiliti fit-tmien konvenzjonijiet fundamentali identifikati fid-dikjarazzjoni tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol dwar id-Drittijiet u l-Prinċipji Fundamentali fuq il-Post tax-Xogħol, ***jiġifieri: id-dritt li ma jkunux soġġetti għal xogħol furzat, il-liberta ta' assoċjazzjoni, id-dritt għall-organizzazzjoni tal-ħaddiema, id-dritt ta' negozjar kollettiv, ir-remunerazzjoni ugwali għal ħaddiema rgjel u nisa għal xogħol ta' valur ugwali, in-nondiskriminazzjoni fl-opportunita u t-trattament fir-rigward tal-impjegi u tal-professjoni, kif ukoll id-dritt li ma jkunux soġġetti għat-tħaddim tat-tfal.***

Is-salvagwardji minimi msemija fl-Artikolu 3(c) għandhom ikunu proċeduri implimentati mill-impriża li tkun qed twettaq attivita ekonomika biex tiżgura li jiġu osservati ***l-Linji Gwida tal-OECD għall-Impriżi Multinazzjonali u l-Prinċipji Gwida tan-NU dwar in-Negozju u d-Drittijiet tal-Bniedem, inkluż il-prinċipji*** u d-drittijiet stabbiliti fit-tmien konvenzjonijiet fundamentali identifikati fid-dikjarazzjoni tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol dwar id-Drittijiet u l-Prinċipji Fundamentali fuq il-Post tax-Xogħol u ***l-Karta Internazzjonali tad-Drittijiet tal-Bniedem.***

Sal-31 ta' Diċembru 2021, il-Kummissjoni għandha twettaq valutazzjoni tal-impatt dwar il-konsegwenzi u l-adeqwatezza ta' reviżjoni ta' dan ir-Regolament sabiex tinkludi l-konformita ma' salvagwardji minimi oħra li l-impriża li qed twettaq attivita ekonomika trid tosserva sabiex tistabilixxi li dik l-attivita ekonomika hi ambjentalment sostenibbli.

Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tissupplimenta dan l-Artikolu b'att delegat li jispeċifika l-kriterji biex tiddetermina jekk ikunx hemm konformita mar-rekwiżiti ta' dan l-Artikolu. Meta tfassal l-att delegat imsemmi f'dan l-Artikolu, il-Kummissjoni għandha tqis il-prinċipji elenkati fil-paragrafi 1 u 2. Il-Kummissjoni għandha tadotta dak l-att delegat sal-31 ta' Diċembru 2020.

Proposta għal regolament
Artikolu 14

Test propost mill-Kummissjoni

Artikolu 14

Rekwiżiti għal kriterji tekniċi ta' skrinjar

1. Il-kriterji tekniċi ta' skrinjar, adottati f'konformità mal-Artikoli 6(2), 7(2), 8(2), 9(2), 10(2) u 11(2), għandhom:

(a) jidentifikaw l-aktar kontribuzzjonijiet potenzjali rilevanti għall-objettiv ambjentali partikolari, u jqisu mhux biss l-impatti fuq terminu qasir iżda anke l-impatti fuq terminu itwal ta' attività ekonomika speċifika;

(b) jispeċifikaw ir-rekwiżiti minimi li jenħtieġ li jiġu ssodisfati biex tiġi evitata ħsara sinifikanti għal kwalunkwe waħda mill-objettivi ambjentali rilevanti;

(c) ikunu kwalitattivi jew kwantitattivi, jew it-tnejn li huma, u jinkludu livelli limiti meta possibbli;

(d) fejn xieraq, jibnu fuq l-iskemi ta' tikkettar u ċertifikazzjoni tal-Unjoni, fuq metodoloġiji tal-Unjoni għall-valutazzjoni tal-impronta ambjentali, u fuq is-sistemi ta' klassifikazzjoni statistika tal-Unjoni, u jqisu kull leġiżlazzjoni tal-Unjoni eżistenti rilevanti;

(e) ikunu bbażati fuq evidenza xjentifika konklużiva u **jqisu, meta rilevanti, l-prinċipju** ta' prekawzjoni stabbilit fl-Artikolu 191 tat-TFUE;

(f) iqisu l-impatti ambjentali tal-attività ekonomika nnifisha, kif ukoll il-prodotti u s-servizzi pprovduti minn dik l-attività ekonomika, **speċjalment** billi jitqiesu l-

Emenda

Artikolu 14

Rekwiżiti għal kriterji tekniċi ta' skrinjar

1. Il-kriterji tekniċi ta' skrinjar, adottati f'konformità mal-Artikoli 6(2), 7(2), 8(2), 9(2), 10(2) u 11(2), għandhom:

(-a) tkun ibbażata fuq indikaturi armonizzati li jkejlu l-impatt ambjentali bl-użu tal-valutazzjoni armonizzata taċ-ċiklu tal-ħajja;

(a) jidentifikaw l-aktar kontribuzzjonijiet potenzjali rilevanti għall-objettiv ambjentali partikolari, u jqisu mhux biss l-impatti fuq terminu qasir iżda anke l-impatti fuq terminu itwal ta' attività ekonomika speċifika;

(b) jispeċifikaw ir-rekwiżiti minimi li jenħtieġ li jiġu ssodisfati biex tiġi evitata ħsara sinifikanti għal kwalunkwe waħda mill-objettivi ambjentali rilevanti;

(c) ikunu kwalitattivi jew kwantitattivi, jew it-tnejn li huma, u jinkludu livelli limiti meta possibbli;

(d) fejn xieraq, jibnu fuq l-iskemi ta' tikkettar u ċertifikazzjoni tal-Unjoni, fuq metodoloġiji tal-Unjoni għall-valutazzjoni tal-impronta ambjentali, u fuq is-sistemi ta' klassifikazzjoni statistika tal-Unjoni, u jqisu kull leġiżlazzjoni tal-Unjoni eżistenti rilevanti; **tiġi rikonossuta l-kompetenza tal-Istati Membri;**

(e) ikunu bbażati fuq evidenza xjentifika konklużiva u **jaderixxu mal-prinċipju** ta' prekawzjoni stabbilit fl-Artikolu 191 tat-TFUE;

(f) iqisu l-impatti ambjentali tal-attività ekonomika nnifisha, kif ukoll il-prodotti u s-servizzi pprovduti minn dik l-attività ekonomika **permezz taċ-ċiklu kollu tal-**

produzzjoni, l-użu *u t-tmiem* tal-ħajja tagħhom;

(g) iqisu n-natura u l-iskala tal-attività ekonomika;

(h) iqisu *l-impatt potenzjali fuq il-likwidità fis-suq, ir-riskju* li ċerti assi ma jiġux irkuprati bħala riżultat li jintilef il-valur minħabba t-tranżizzjoni għal ekonomija aktar sostenibbli, kif ukoll ir-riskju li jinħolqu inċentivi inkonsistenti;

(i) ikopru l-attivitajiet ekonomiċi rilevanti kollha *f'settur speċifiku* u jiżguraw li dawk l-attivitajiet *kollha* jkunu trattati b'mod ugwali lejn objettiv ambjentali wieħed jew aktar, biex tiġi evitata d-distorsjoni tal-kompetizzjoni fis-suq;

(j) ikunu stabbiliti biex jiffaċilitaw il-verifika ta' konformità ma' dawk il-kriterji kull fejn possibbli.

2. Il-kriterji tekniċi ta' skrinjar imsemmija fil-paragrafu 1 għandhom jinkludu wkoll kriterji għal attivitajiet relatati mat-tranżizzjoni għall-enerġija nadifa, b'mod partikolari l-effiċjenza enerġetika u l-enerġija rinnovabbli, sa fejn dawn jikkontribwixxu b'mod sostanzjali għal kwalunkwe wieħed mill-objettivi ambjentali.

ħajja tagħhom u, jekk meħtieġ, permezz tal-katina tal-valur, billi jitqiesu l-produzzjoni *mill-ipproċessar tal-materji primi sal-prodott finali*, l-użu, *it-tmiem* tal-ħajja tagħhom *u r-riċiklaġġ*;

(fa) tqis l-ispiża tan-nuqqas ta' azzjoni, ibbażata fuq il-Qafas ta' Sendai għat-Tnaqqis tar-Riskju ta' Diżastri 2015-2030;

(g) iqisu n-natura u l-iskala tal-attività ekonomika, *iqisu jekk attività tkunx fi tranżizzjoni għal konfigurazzjoni u/jew operat sostenibbli, permezz ta' proġetti ta' riċerka u innovazzjoni, skedi ta' żmien speċifiċi u mogħdijiet għal din it-tranżizzjoni*;

(h) iqisu *r-riskju* li ċerti assi ma jiġux irkuprati bħala riżultat li jintilef il-valur minħabba t-tranżizzjoni għal ekonomija aktar sostenibbli, kif ukoll ir-riskju li jinħolqu inċentivi inkonsistenti;

(ħa) ikunu faċli biex jiġu applikati u jevitaw piż amministrattiv żejjed minn perspettiva tal-konformità;

(i) ikopru l-attivitajiet ekonomiċi rilevanti kollha *f'makrosettur ekonomiku* u jiżguraw li dawk l-attivitajiet jkunu trattati b'mod ugwali *f'termini tar-riskji ta' sostenibbiltà tagħhom jekk jikkontribwixxu b'mod ugwali* lejn objettiv ambjentali wieħed jew aktar *u ma jagħmlux ħsara sinifikanti lil wieħed mill-objettivi oħrajn taħt l-Artikoli 3 u 12*, biex tiġi evitata d-distorsjoni tal-kompetizzjoni fis-suq;

(j) ikunu stabbiliti biex jiffaċilitaw il-verifika ta' konformità ma' dawk il-kriterji kull fejn possibbli.

2. Il-kriterji tekniċi ta' skrinjar imsemmija fil-paragrafu 1 għandhom jinkludu wkoll kriterji *bbażati fuq indikaturi* għal attivitajiet relatati mat-tranżizzjoni għall-enerġija nadifa *lejn emissjonijiet ta' gassijiet serra netti ta' żero*, b'mod partikolari l-effiċjenza enerġetika u l-enerġija rinnovabbli, sa fejn dawn jikkontribwixxu b'mod sostanzjali

għal kwalunkwe wieħed mill-objettivi ambjentali.

2a. Il-kriterji tekniċi ta' skrinjar għandhom jiżguraw li attivitajiet ta' ġenerazzjoni ta' enerġija li jużaw fjuwils fossili solidi ma jitqisux bħala attivitajiet ekonomiċi ambjentalment sostenibbli.

2b. Il-kriterji tekniċi ta' skrinjar għandhom jiżguraw li l-attivitajiet ekonomiċi li jikkontribwixxu għal effetti ta' intrappolament tal-klijentela intensivi f'termini ta' karbonju ma jitqisux bħala attivitajiet ekonomiċi ambjentalment sostenibbli.

2c. Il-kriterji tekniċi ta' skrinjar għandhom jiżguraw li attivitajiet ta' ġenerazzjoni tal-enerġija li jipproduċu skart mhux rinnovabbli ma jitqisux bħala attivitajiet ekonomiċi ambjentalment sostenibbli

3. Il-kriterji tekniċi ta' skrinjar imsemmija fil-paragrafu 1 għandhom jinkludu wkoll kriterji għal attivitajiet relatati mal-qlib għall-mobbiltà nadifa jew newtrali mil-lat ta' klima, inkluż permezz ta' bidla modali, miżuri ta' effiċjenza u fjuwils alternattivi, sa fejn dawn jikkontribwixxu b'mod sostanzjali għal kwalunkwe wieħed mill-objettivi ambjentali.

3. Il-kriterji tekniċi ta' skrinjar imsemmija fil-paragrafu 1 għandhom jinkludu wkoll kriterji għal attivitajiet relatati mal-qlib għall-mobbiltà nadifa jew newtrali mil-lat ta' klima, inkluż permezz ta' bidla modali, miżuri ta' effiċjenza u fjuwils alternattivi, sa fejn dawn jikkontribwixxu b'mod sostanzjali għal kwalunkwe wieħed mill-objettivi ambjentali.

3a. Jekk il-biċċa l-kbira tal-impriżi li jwettqu attività ekonomika speċifika evidentement involuti fi trajettorja lejn li jittrasformaw din l-attività għal waħda sostenibbli, il-kriterji tal-iskrinjar jistgħu jikkunsidraw dan. Tali trajettorja tista' tintwera permezz ta' sforzi sostnuti tar-riċerka u żvilupp, proġetti kbar ta' investiment f'teknoloġiji ġodda u aktar sostenibbli, jew pjanijiet tat-tranżizzjoni konkreti għall-inqas fl-istadji bikrija tal-implimentazzjoni.

4. Il-Kummissjoni għandha tirrieżamina b'mod regolari l-kriterji ta' skrinjar imsemmija fil-paragrafu 1 u, jekk xieraq, temenda l-atti delegati adottati skont dan ir-Regolament f'konformità mal-iżviluppi

4. Il-Kummissjoni għandha tirrieżamina b'mod regolari l-kriterji ta' skrinjar imsemmija fil-paragrafu 1 u, jekk xieraq, temenda l-atti delegati adottati skont dan ir-Regolament f'konformità mal-iżviluppi

xjentifiċi u teknoloġiċi.

xjentifiċi u teknoloġiċi.

Emenda 51

Proposta għal regolament Artikolu 15

Test propost mill-Kummissjoni

Artikolu 15

Pjattaforma dwar Finanzi Sostenibbli

1. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi Pjattaforma dwar il-finanzi sostenibbli magħmula minn:

- (a) rappreżentanti ta':
- (i) l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent;
- (ii) l-Awtorità Superviżorja Ewropea;
- (iii) il-Bank Ewropew tal-Investment u l-Fond Ewropew tal-Investment;

(b) esperti li jirrappreżentaw partijiet ikkonċernati privati rilevanti;

(c) esperti *maħtura f'kapaċità personali, b'għarfien u esperjenza ppruvati fl-oqsma koperti minn dan ir-Regolament.*

Emenda

Artikolu 15

Pjattaforma dwar Finanzi Sostenibbli

1. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi Pjattaforma dwar il-finanzi sostenibbli ***liema kompożizzjoni għandha tiżgura bilanċ, firxa wiesgħa ta' opinjonijiet u ugwaljanza bejn is-sessi. Hi għandha tkun magħmula, b'mod bilanċjat, minn rappreżentanti mill-gruppi li ġejjin:***

- (a) rappreżentanti ta' ***dawn li ġejjin:***
- (i) l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent;
- (ii) l-Awtorità Superviżorja Ewropea;
- (iii) il-Bank Ewropew tal-Investment u l-Fond Ewropew tal-Investment;

(iiia) l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali;

(iiib) il-Grupp Konsultattiv Ewropew għar-Rappurtar Finanzjarju (EFRAG);

(b) esperti li jirrappreżentaw partijiet ikkonċernati privati rilevanti, ***inklużi l-atturi tas-swieq finanzjarji u mhux finanzjarji u s-setturi tan-negozju, li jirrappreżentaw l-industriji rilevanti;***

(ba) esperti li jirrappreżentaw lis-soċjetà ċivili, inkluż b'għarfien espert fil-qasam ta' kwistjonijiet ambjentali, soċjali, tax-xogħol u ta' governanza.

(c) esperti ***li jirrappreżentaw lill-akkademja, inklużi universitajiet, istituti ta' riċerka u think tanks, inkluż b'għarfien espert globali;***

1a. L-esperti msemmija fil-punti (b) u

2. Il-Pjattaforma dwar Finanzi
Sostenibbli għandha:

(a) tavża lill-Kummissjoni dwar il-kriterji tekniċi ta' skrinjar imsemmija fl-Artikolu 14, u l-ħtieġa possibbli biex jiġu aġġornati dawn il-kriterji;

(b) tanalizza l-impatt tal-kriterji tekniċi ta' skrinjar f'termini tal-kostijiet u l-benefiċċji potenzjali tal-applikazzjoni tagħhom;

(c) tassisti lill-Kummissjoni biex tanalizza t-talbiet minn partijiet ikkonċernati biex tiżviluppa jew tirrevedi kriterji tekniċi ta' skrinjar għal attivitá ekonomika partikolari;

(d) tavża lill-Kummissjoni dwar is-sostenibbiltá tal-kriterji tekniċi ta' skrinjar għal użi ulterjuri possibbli;

(c) għandhom jiġu maħtura skont l-Artikolu 237 tar-Regolament Finanzjarju, u għandu jkollhom għarfien u esperjenza ppruvati fl-oqsma koperti minn dan ir-Regolament, speċjalment is-sostenibbiltá fis-settur finanzjarju.

1b. Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill għandhom ikunu infurmati b'mod dovut fil-ħin fil-proċedura tal-għażla tal-esperti għall-Pjattaforma.

2. Il-Pjattaforma dwar Finanzi
Sostenibbli għandha:

(-a) tavża lill-Kummissjoni dwar l-istabbiliment ta' indikaturi armonizzati msemmija fl-Artikolu 14, il-paragrafu 1(-a) u l-ħtieġa possibbli biex jiġu aġġornati; b'dan il-mod hija għandha tibbaża fuq il-ħidma tal-entitajiet u l-inizjattivi rilevanti tal-Unjoni, b'mod partikolari l-Qafas ta' Monitoraġġ tal-Ekonomija Ċirkolari.

(a) tavża lill-Kummissjoni dwar il-kriterji tekniċi ta' skrinjar imsemmija fl-Artikolu 14, u l-ħtieġa possibbli biex jiġu aġġornati dawn il-kriterji;

(b) tanalizza l-impatt tal-kriterji tekniċi ta' skrinjar *abbażi tad-data u r-riċerka xjentifika meta jkunu disponibbli* f'termini tal-kostijiet u l-benefiċċji potenzjali tal-applikazzjoni tagħhom;

(c) tassisti lill-Kummissjoni biex tanalizza t-talbiet minn partijiet ikkonċernati biex tiżviluppa jew tirrevedi kriterji tekniċi ta' skrinjar għal attivitá ekonomika partikolari *abbażi tad-data u r-riċerka xjentifika meta jkunu disponibbli; il-konklużjonijiet ta' dawn l-analiżi għandhom jiġu ppubblikati fil-ħin fuq is-sit web tal-Kummissjoni;*

(d) *fuq talba tal-Kummissjoni jew tal-Parlament Ewropew*, tavża lill-Kummissjoni *jew lill-Parlament Ewropew* dwar is-sostenibbiltá tal-kriterji tekniċi ta' skrinjar għal użi ulterjuri possibbli;

(da) tavża, b'kooperazzjoni mal-EFRAG, lill-Kummissjoni dwar l-iżvilupp ta' standards ta' kontabbiltá tas-sostenibbiltá u standards integrati ta' rappurtar għal

(e) timmonitorja u tirrapporta regolament lill-Kummissjoni dwar **flussi** ta' kapital lejn investment sostenibbli;

(f) tavża lill-Kummissjoni dwar il-ħtieġa possibbli biex jiġi emendat ir-Regolament.

3. Il-Pjattaforma dwar Finanzi Sostenibbli għandha tkun ippreseduta mill-Kummissjoni.

korporazzjonijiet u parteċipanti fis-suq finanzjarju, inkluż permezz tar-reviżjoni tad-Direttiva 2013/34/UE;

(e) timmonitorja u tirrapporta regolament lill-Kummissjoni dwar **it-tendenza fil-livell tal-UE u tal-Istati Membri rigward il-flussi** ta' kapital **minn attivitajiet ekonomiċi b'impatt negattiv fuq is-sostenibbiltà ambjentali** lejn investment sostenibbli **abbażi tad-data u r-riċerka xjentifika meta jkunu disponibbli;**

(f) tavża lill-Kummissjoni dwar il-ħtieġa possibbli biex jiġi emendat ir-Regolament, **b'mod partikolari fir-rigward tar-rilevanza u l-kwalità tad-data, u tal-modi kif jiġnaqqas il-piż amministrattiv;**

(fa) tikkontribwixxi għall-evalwazzjoni u l-iżvilupp ta' regolamenti u politiki dwar il-finanzi sostenibbli, inklużi kwistjonijiet ta' koerenza politika;

(fb) tassisti lill-Kummissjoni fid-definizzjoni ta' objettivi soċjali possibbli.

2a. Il-Pjattaforma għandha tikkunsidra b'mod dovut id-data xierqa u r-riċerka xjentifika rilevanti fit-twettiq ta' dawn il-kompiti. Hija tista' twettaq konsultazzjonijiet pubbliċi sabiex tiġbor l-opinjonijiet tal-partijiet ikkonċernati dwar kwistjonijiet speċifiċi fil-mandat tagħha.

3. Il-Pjattaforma dwar Finanzi Sostenibbli għandha tkun ippreseduta mill-Kummissjoni **u magħmula f'konformità mar-regoli orizzontali tal-Kummissjoni għall-gruppi ta' esperti. Il-Kummissjoni għandha tippubblika l-analiżijiet, id-deliberazzjonijiet, ir-rapporti u l-minuti tal-Pjattaforma fuq is-sit web tagħha.**

Emenda 52

Proposta għal regolament Artikolu 16

Artikolu 16

Eżerċizzju tad-delega

1. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati hija mogħtija lill-Kummissjoni soġġetta għall-kondizzjonijiet stipulati f'dan l-Artikolu.
2. Is-setgħa li tadotta atti delegati msemmija fl-Artikoli 4(3), 6(2), 7(2), 8(2), 9(2), 10(2), u 11(2) għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu indeterminat minn [Data ta' dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].
3. Id-delega tas-setgħat imsemmija fil-paragrafu 2 tista' tiġi revokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Id-deċiżjoni ta' revoka għandha ttejjm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Għandha ssir effettiva fil-jum ta' wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew f'data aktar tard speċifikata hemmhekk. Din ma għandha taffettwa l-validità ta' ebda att delegat diġà fis-seħħ.
4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta esperti nominati minn kull Stat Membru f'konformità mal-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet.
5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.
6. Att delegat adottat skont l-Artikoli 4(3), 6(2), 7(2), 8(2), 9(2), 10(2) u 11(2) għandu jidhul fis-seħħ biss jekk la l-Parlament Ewropew u lanqas il-Kunsill ma jesprimu oġġezzjoni fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel l-iskadenza ta' dak il-perjodu, kemm il-

Artikolu 16

Eżerċizzju tad-delega

1. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati hija mogħtija lill-Kummissjoni soġġetta għall-kondizzjonijiet stipulati f'dan l-Artikolu.
2. Is-setgħa li tadotta atti delegati msemmija fl-Artikoli 4(3), 6(2), 7(2), 8(2), 9(2), 10(2), u 11(2) għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu indeterminat minn [Data ta' dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].
3. Id-delega tas-setgħat imsemmija fil-paragrafu 2 tista' tiġi revokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Id-deċiżjoni ta' revoka għandha ttejjm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Għandha ssir effettiva fil-jum ta' wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew f'data aktar tard speċifikata hemmhekk. Din ma għandha taffettwa l-validità ta' ebda att delegat diġà fis-seħħ.
4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta esperti nominati minn kull Stat Membru f'konformità mal-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet. ***Bħala parti mit-tħejija tal-atti delegati, il-Kummissjoni għandha twettaq konsultazzjonijiet u valutazzjonijiet xierqa tal-għażliet ta' politika proposti.***
5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.
6. Att delegat adottat skont l-Artikoli 4(3), 6(2), 7(2), 8(2), 9(2), 10(2) u 11(2), ***12(2) u 13(3)*** għandu jidhul fis-seħħ biss jekk la l-Parlament Ewropew u lanqas il-Kunsill ma jesprimu oġġezzjoni fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel l-iskadenza ta' dak il-perjodu, kemm

Parlament Ewropew kif ukoll il-Kunsill ikunu infurmaw lill-Kummissjoni li mhumiex se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew il-Kunsill.

il-Parlament Ewropew kif ukoll il-Kunsill ikunu infurmaw lill-Kummissjoni li mhumiex se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew il-Kunsill.

Emendi 53 u 105

Proposta għal regolament Artikolu 17

Test propost mill-Kummissjoni

Artikolu 17

Klawsola ta' rieżami

1. Sal-31 ta' Diċembru 2021 u sussegwentement kull tliet snin wara, il-Kummissjoni għandha tippubblika rapport dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. Dak ir-rapport għandu jevalwa:

(a) il-progress dwar l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament fir-rigward tal-iżvilupp tal-kriterji tekniċi ta' skrinjar għal attivitajiet ekonomiċi ambjentalment sostenibbli;

(b) il-ħtieġa possibbli li jiġu riveduti l-kriterji stabbiliti f'dan ir-Regolament biex titqies attività ekonomika ambjentalment sostenibbli;

(c) l-adeqwatezza li jiġi estiż il-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament biex ikopri objettivi oħrajn dwar is-sostenibbiltà, b'mod partikolari objettivi soċjali;

(d) l-użu tad-definizzjoni ta' investiment ambjentalment sostenibbli fid-dritt tal-Unjoni, u fil-livell tal-Istat Membru, inkluża l-adeqwatezza tat-twaqqif ta' mekkaniżmu ta' verifika tal-konformità mal-kriterji stabbiliti f'dan ir-Regolament.

Emenda

Artikolu 17

Klawsola ta' rieżami

1. Sal-31 ta' Diċembru 2021 u sussegwentement kull tliet snin wara, il-Kummissjoni għandha tippubblika rapport dwar l-applikazzjoni **u l-impatt** ta' dan ir-Regolament. Dak ir-rapport għandu jevalwa:

(a) il-progress dwar l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament fir-rigward tal-iżvilupp tal-kriterji tekniċi ta' skrinjar **ibbażati fuq indikaturi** għal attivitajiet ekonomiċi ambjentalment sostenibbli;

(b) il-ħtieġa possibbli li jiġu riveduti l-kriterji **u l-lista ta' indikaturi** stabbiliti f'dan ir-Regolament biex titqies attività ekonomika ambjentalment sostenibbli **biex tiffaċilita l-innovazzjoni u t-tranżizzjoni sostenibbli**;

(c) l-adeqwatezza li jiġi estiż il-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament biex ikopri objettivi oħrajn dwar is-sostenibbiltà, b'mod partikolari objettivi soċjali;

(d) l-użu tad-definizzjoni ta' investiment ambjentalment sostenibbli **u investimenti b'impatt ambjentali negattiv** fid-dritt tal-Unjoni, u fil-livell tal-Istat Membru, inkluża l-adeqwatezza **tar-rieżami jew taddizzjonali** tal-konformità mal-kriterji

bbażati fuq indikaturi stabbiliti f'dan ir-Regolament.

(da) l-effettività tat-tassonomija fit-twassil ta' investimenti privati f'attivitajiet sostenibbli.

1a. Sal-31 ta' Diċembru 2021, u sussegwentement kull tliet snin minn hemm 'il quddiem, il-Kummissjoni għandha tirrieżamina l-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament jekk joħloq piż amministrattiv eċċessiv jew jekk id-data meħtieġa għall-parteciġanti fis-swieq finanzjarji ma tkunx disponibbli biżżejjed.

2. *Ir-rapport għandu jintbagħat* lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. Il-Kummissjoni għandha tagħmel proposti ta' akkumpanjament meta jkun xieraq.

2. *Ir-rapporti għandhom jintbagħtu* lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. Il-Kummissjoni għandha tagħmel proposti *leġiżlattivi* ta' akkumpanjament meta jkun xieraq.